**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 211 / 2009**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**vs**

**Philippa Borg**

Illum, 6 ta' Mejju 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Philippa Borg nee' Cortis ta' 58 sena, bint Paul u Philippa nee' Cortis, imwielda Zebbug, Malta fit-23 ta' Awwissu, 1950, residenti f' 35, ' Philant' , Triq il-Qamh, Zebbug, Malta, u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 700150 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. F' dawn il-Gzejjer, fis-17 ta' Dicembru 2008 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, bhala ufficjal pubbliku approprijat ruhha, billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' hadet u zammet ghandha flus tad-Dingli Day Centre amministrat mid-

Dipartiment ghall-Anzjani u Kura fil-Komunita' , liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha;

2. kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku mad-Dipartiment ghall-Anzjani u Kura fil-Komunita' , ghal xi vantagg privat taghha, ghamlet uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi gew fdati lilha minhabba l-kariga jew impjieg taghha, jew serqithom;

3. u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, illi minhabba l-kariga jew l-impjieg taghha, kienet fid-dmir li taghmel jew taghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamlet jew tat dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

4. kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamlet uzu minn dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 190 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat n-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali fis-16 ta' Gunju, 2011, fejn deherlu li tista' tinstab htija taht:

(1) l-artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) l-artikoli 18 u 127 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) l-artikoli 18, 185 (1) u 186 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) l-artikoli 17, 18, 31, 190 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta' Dicembru, 2020, fejn il-Qorti ghalhekk:

1. wara li rat l-Artikoli 18, 127 (1) u 185 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja tar-reati fihom kontemplati, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz ikkundannata ghal piena karcerarja ta' sentejn (2), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, giet sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28 A (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Ai termini ta' l-Artikoli 28 A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hatja fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f' kaz li tonqos milli tosservaha, u cioe f' kaz li tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

3. Astjenit milli tiehu konjizzjoni tar-reati kontemplati fl-Artikoli 293, 294, 185 (2) u 186 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. In oltre, il-Qorti ikkundannat lill-hatja ghal piena ta' interdizzjoni generali perpetwa.

Rat ir-rikors tal-appellanta Philippa Borg minnha pprezentat fit-30 ta' Dicembru, 2020, fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi TIRRIFORMA s-sentenza appellata, b' dan li filwaqt li:

a. tikkonfermaha f' dik il-parti fejn il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-reati kontemplati fl-artikoli 293, 294, 185 (2) u 186 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. tirrevokaha f' dik il-parti fejn wara li l-Artikoli 18, 127 (1) u 185 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, sabet lill-appellanta hatja tar-reati fihom kontemplati, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz ikkundanata ghal piena karcerarja ta' sentejn (2), sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-

Artikolu 28 A (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kkundanat lill-appellanta ghal piena ta' interdizzjoni ġenerali perpetwa, u minflok tiddikjara lill-appellanti mhux hatja ta' tali reati indikati u tilliberaha minn tali reati u piena skond il-ligi; u

c. rigwardanti l-piena, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-aggravji dwar il-mertu, f' kaz li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija, illi tvarja u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliggi piena aktar ekwa u gusta skond il-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-aggravji tal-appellanta in succint huma is-segwenti

(1) Illi, umilment jiġi sottomess li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha *stante* li ma setgħet qatt ikollha livell ta' prova sal-konvinċiment morali tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti u dan għaliex il- provi mressqa mill-Prosekuzzjoni kienu jaqgħu il-bogħod mill-grad rikjest mill-liġi;

(2) Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il- piena erogata fil-konfront tal-appellanti u dan għaliex l-piena fil-konfront tagħha mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hija waħda eċċessiva;

**1. Apprezzament Żbaljat tal-Provi**

Illi jiġi umilment sottomess bid-dovut rispett illi, l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha stante illi kien hemm diversi punti illi l-Ewwel Qorti għażlet illi jew tinjorahom jew ma temminihomx jew inkella tassumihom mingħajr ebda prova.

Illi preliminarjament jibda biex jingħad illi l-appellanti ma għandha għalfejn tipprova xejn jew tressaq xi prova sabiex tipprova l-innoċenza taghha; filwaqt illi kif tiddetta l-

Liġi u *del resto*, anke' jgħallmuna l-Qrati tagħna, hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, w cioe *beyond reasonable doubt*, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew għaqal li jwassal ġudikant sabiex jaqbel mat-teżi tagħha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-akkużi addebitati lill-imputat huma veri w dan għaliex kif jgħid il-Manzini fil-ktieb tiegħu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaċċjata b' żewġ verżjonijiet konfliġġenti, għandha tillibera, stante li tali konflitt għandu jmur a benefiċċju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawża fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker</u>:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

F' dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Diċembru, 1997 fil-kawża fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Peter Ebejer</u>**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubbji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis c-ċirkostanzi u l-provi

kollha, u b' applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-ħtija tal-akkużati irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raġuni u f' każ li jkun hemm xi dubju raġonevoli, il- Prosekuzzjoni tiġi kunsidrata li ma ppruvatx il-każ tagħha ta' ħtija u għalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Illi l-appellanti tissottometti illi l-Ewwel Qorti strahet ampjament fuq ix-xhieda ta' Charlene Calleja, l-istudenta tal-MCAST, li wara ftit żjarat ġewwa d-*day centre* fejn kienet tahdem l-appellanta, kienet irraportat diversi irregolaritajiet fic-Centru fosthom il-fatt illi l-appellanti kienet qed tiddikjara ammont inqas ta' flus minn dak li kien jiġi ricevut fil-bejgh tat-tombla.

Illi fl-umli fehma tal-appellanti din ix-xhieda ma kelliex tinghata daqshekk piz tenut kont tal-fatt illi din l-istess xhud bbazat tali allegazzjonijiet fuq informazzjoni diġà preġudikata kontra l-appellanta li kienet ġejja mill-kollegi tal-istess day centre u kif ukoll minn omm l-istess xhud li ma kelliex relazzjoni tajba mal-istess Philippa Borg. Illi jiġi ulterjorment rilevat illi din l-istess Calleja ma seta` qatt kienet f' pozizzjoni li taghmel tali allegazzjonijiet u dan kif irriżulta sew fil-mori tal-proceduri.

Madankollu, l-esponenti tinnota illi l-Ewwel Onorabbli Qorti taghat piz qawwi lix-xhieda tal-istess Calleja meta rriferiet ghal-istess bhala xhieda "b' mod spontanju u onest[1]" u kif ukoll sahqet li "hija konvinta lill' hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li Charlene Calleja xehdet il-verita."[2]

[1] Paragrafu 62 tas-sentenza
[2] Paragrafu 65 tas-sentenza

Illi jinghad illi kienet l-Ewwel Qorti stess li ghamlet referenza ghal fatt illi Calleja kienet ilha tisma' kontra l-appellanta b' dana li fil-bidu tax-xhieda taghha hija stqarret:

> *"U meta kont hemm [Had-Dingli Day Care Centre] il-care workers kienu qaluli li kienet tisraq u hekk u imbaghad tipo kont noqghod ninnota ftit imma ma tantx kont naghti kaz ghax jiena iktar kien jinteressani mill-anzjani u hekk."*[3]

Illi l-fatt illi l-haddiema l-ohra kienu tkellmu kontra Philippa Borg ma' Calleja, li kienet studenta u li ma kienitx ilha tattendi c-Centru, juri bic-car illi din l-istess xhud kienet diġà pregudikata sew kontra Borg ghaliex kienet ilha tisma' kliem dispreggjattiv rigward ix-xoghol taghha. Illi l-esponenti thoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma taghatx biżżejjed piz ghall-fatt illi dak kollu li xehdet Calleja kien mill-optika tant negattiva li kienet semghet dwarha minghand haddiehor. Illi ghalhekk l-appellanta umilment thoss illi l-fatt illi Calleja kienet diġà ġiet pregudikata kontra l-appellanta żgur seta' jfixkel mill-mod ta' kif harset lejn Borg hija u taghmel xoghloha!

Illi bi twegiba ghas-sottomissjonijiet tad-difiza li tali kumment supra (i.e. kienu qaluli li kienet tisraq u hekk...") kien prova cara ta' pregudizzju serju li kkontribwixxa biex l-istudenta jew semplicement irrepetiet l-allegazzjonijiet tal-care workers minghajr ma rat xejn hi, jew altrimenti illi meliet il-vojt fil-fatti b' suspetti, supposizzjonijiet u kongetturi minghajr l-ebda bazi, l-Ewwel Qorti irriteniet li se mai tali kumment kien turija cara li l-istudenta ma kellhiex animozità u li di più dan kollu kien juri li Charlene Calleja ma kienetx giet "mghallma" minn qabel kif kellha tixhed.

L-esponenti però b' kull dovut rispett ma taqbilx ma' din l-osservazzjoni ghaliex l-Qorti hawnhekk jidher li naqset li tapprezza l-perikolu li jezisti meta persuna tkun giet digà mimlija kontra haddiehor b' allegazzjonijiet malfamanti li facli jimpressjonaw

[3] Ara fol. 116 tal-process.

studenta li ghadha tibda l-hajja tax-xoghol. Anzi l-esponenti umilment tissotometti li tali allegazzjonijiet malafamanti li giet mimlija bihom a priori, tant kellhom effett devastanti fuq l-appellanti li l-istess studenta meta xehedet l-ewwel haga li ddikjarat kienet din il-malafama dwar l-appellanta li allegatament tisraq – allegazzjoni bazata biss fuq hearsay li inghatat lilha u tant affetwatha li rrepetitha quddiem il-Qorti!

Il-fatt li Charlene Calleja spiccat irrappurat hearsay mimli allegazzjonijiet li hija qatt ma kkonstat bis-sensi taghha, jerga' johrog iktar car minn deposizzjoni ta' ohrajn fosthom Josephine Pace Caruana li terga' tispjega kif l-istess Calleja:

> *"kienet tghili li bhala care workers kienu jilmentaw hafna li gieli kien hemm xi problemi fuq flus pero ahna ma dhalniex as such……*
>
> *…..*
>
> *Pros: U identifikat xi persuna?*
>
> *Xhud: Il-head tad-day centre huma kienu jghidu imma ahna ma dhalniex as such fiha ghax ma kienx rwol taghna"*[4]

**L-ewwel Qorti fis-sentenza taghha tislet argument iehor a favur ta' Charlene Calleja mill-fatt li l-istess studenta ma marritx ghand il-pulizija bl-allegazzjonijiet taghha izda marret ghand iz-zewgt lecturers taghha. B' kull dovut rispett però l-fatt li persuna ma marritx ghand il-pulizija direttament u minflok marret ghand is-superjuri ma jfissirx awtomatikament li l-premess jammonta ghal xi korroborazzjoni ulterjuri tal-genwinità taghha. Anzi l-fatt li persuna ma marritx direttament ghand il-pulizija jista' jfisser ukoll li dak li jkun ma kellu l-ebda provi f' idejh hlief ghall-allegazzjonijiet ta' hearsay malafamanti li inghataw lilu, flimkien ma' certu kritika personali (bhala per ezempju l-allegazzjoni ta'**

[4] Folio 137 tal-process.

**<u>sandwiches skaduti) li zgur ma kienux materjal bizzejjed biex dak li jkun jirrapporta lill-pulizija.</u>**

**<u>In fatti, jirrizulta b' mod car mill-provi li ghandhom x' jaqsmu ma' din l-istudenta li fl-ebda hin Pace Caruana ma tispjega lill-ilmenti li kellha Calleja relatati mat-tombla kienu gejjin minnha ghaliex hija kienet rathom! Li tispjega din ix-xhud però huma l- aneddotti ta' lsien hazin li l-istess Calleja kienet semghet minn care workers ohra!</u>**

Kieku dan kien verament l-inkwiet ta' Calleja, wiehed jifhem illi kienet ser tkellem lill-Angelica Ciantar fuqhom u mhux tenfasizza biss maghha li l-anzjani kienu qeghdin jinghataw ikel skadut![5]

Illi apparti minn dan il-fatt jiġi wkoll aċċennat illi fil-ftit żmien li hija kienet marret ġewwa d-day centre, Charlene Calleja ma kinitx familjari mal-prassi u l-proceduri tant li kienet hija stess li fix-xhieda taghha uziet vokabularju bhal *"ma nahsibx ghal inqas"*[6] li juri li lanqas ma kienet ċerta minn dak li xehdet.

Illi Charlene tghid li hija waslet ghal din il-konkluzzjoni ghaliex "tghodd kemm hadu biljetti l-anzjani u tghodd kemm kienu jiswew u kien hemm inqas flus". **<u>Però, l-istess Charlene ma taghmilx referenza ghar-rebh li kien jinghata minn dan l-ammont. Kwindi l-kalkoli taghha, jekk qatt kienet f' posizzjoni li taghmel xi tip ta' kalkoli huma bbazati fuq premessi zbaljati ghaliex ma haditx in konsiderazzjoni r-rebh li ried jinghata lura lill-anzjani u allura necessarjament jitnaqqas.</u>** Infatti fl-ebda hin u fl-ebda mument fit-testimonjanza taghha hija taghmel referenza ghar-rebh – u jekk wiehed ma jiehux in konsiderazzjoni r-rebh li ried jitnaqqas huwa ovvju li l-kalkoli (jekk verament kienet f' sitwazzjoni li setghet taghmel kalkoli korretti) ma jaqblux!

---

[5] Folio 142 tal-process.
[6] Folio 122 tal-process.

In oltre, meta din l-istudenta tigi mistoqsija mill-Qorti fejn kienet tara dan l-ammont miktub u jekk kinitx ticcekjaha din il-karta , (apparti l-argumenti supra rigward il-fatt jekk kienitx karta go qoffa jew s-sheets tal-accounts li hemm prezentanti in atti u li kulhadd jitkellem dwarhom), hija tirrispondi: *"Kont naraha fil-qoffa din il-karta ghax jiena ma kontx immur immiss il-qoffa"* . L-esponenti ma tistax però tifhem kif logistikament u fil-prattika tali dikjarazzjoni tista' qatt tkun veritjiera. Dan ghaliex apparti li hemm kuntradizzjoni fl-istess sentenza wahda, jekk wiehed ma kienx imur hdejn il-qoffa allura ma jistax jaghti dettalji dwar x' kien hemm.

Din l-inverosimiljanza tkompli tikber meta wiehed jikkunsidra wkoll x' qalet Charlene fil-bidu tat-testimonjanza meta qalet li *"tipo kont ninnota ftit imma ma tantx kont naghti kaz"* ghaliex kien ikun iktar mohhha fl-anjanzi. Hawnhekk Charlene stess tiddikjara li hija izjed kien mohhha fl-anzjani milli x' qed taghmel u x' qed tikteb Philippa Borg, izda haga tal-iskantament zewgt pagni wara fix-xiehda taghha tiddikjara li b' xi mod, ghalkemm ma kinitx tmiss il-qoffa kienet tara din il-karta. L-esponenti umilment tissottometti illi fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz huwa iktar verosimili li Charlene qatt ma dahlet f' dawn id-dettalji kif del resto ammettiet hi stess fil-bidu tax-xiedha, u minflok però kienet giet mimlija suspetti kontra l-esponenti b' dikjarazzjonijiet maghmulha minn kollegi ohra li kellhom agenda mohbija;

Illi kif hareg car anke minn deposizzjonijiet ohrajn l-osservazzjoni li ghamlet fuq l-appellanti lanqas ma kienet xi wahda daqstant tajba meta wiehed jikkonsidra li fuq x' kien jiġri eżatt din l-istess xhud ġiet kontradetta mix-xhieda l-ohra li kienu ilhom jahdmu fl-istess *day centre.*

Bhala eżempju jinghad illi, minkejja dak li xehdu Cutajar u Owen u dak li huwa esebiet fil-process meta wiehed jifli s-sheets tal-accounts, Calleja tghid biss li Borg kienet

tikteb fuq il-biljetti tat-tombla stess izda fuq mistoqsija tal-Qorti twiegeb li ma kellhiex xi ktieb fejn kienet tikteb dawn l-ammonti.

> "Qorti: Imma inti ghidtli kienet tigbor tant u tiddikjara inqas.
>
> Xhud: Fil-karta iva. Ikun hemm biljetti zghar u biljetti kbar u tikteb il-prezz fuqhom"
>
> Qorti: Tikteb kemm tkun gabret
>
> Xhud: Iva"[7]

Ezempju iehor huwa meta l-istess xhud tghid ukoll li kienet tara karta fil-qoffa[8] u meta mistoqsija in kontro-ezami dwar jekk kienx jiffirhom xi hadd iehor apparti Philippa Borg dawn ir-rendikonti hija tiddeponi:

> "Avukat: Ir-rendikont tat-tombla min kien jiffirhom apparti Philippa Borg?
>
> Xhud: Sa fejn naf jien hi biss.
>
> Avukat: X' inhu?
>
> Xhud: Hi biss sa fejn naf jien.
>
> Avukat: U l-anzjani? Kienu jiffirmaw jew le?
>
> Xhud: Le. Ma nahsibx ghall-inqas"[9]

---

[7] Folio 119 tal-process.
[8] Folio 118 tal-process.
[9] Folio 122 tal-process.

Minn din id-dikjarazzjoni però tkompli tohrog l-inkorrettezza f' dak li tghid Charlene Calleja. Apparti l-fatt li hadd mix-xhieda tal-prosekuzzjoni (kollegi ta' Philippa Borg) ma jsemmi din il-karta fil-qoffa, hija lanqas ma semmi s-sheets tat-accounts li fuqhom kienu jinkitbu r-rizultati tat-tombla. In oltre, lanqas ma hija korretta din l-istudenta meta titkellem dwar il-fatt jekk kienx jiffirma xi hadd iehor jew le apparti Philippa Borg. Charlene Calleja tiddikjara li hadd aktar ma kien jiffirma apparti Philippa Borg, izda dan il-fatt huwa merut mhux biss minn Particia Owen u Josette Cutajar, izda wkoll mid-dokumentazzjoni stess esebita fil-process, fejn jidhru l-firem ta' terzi persuni ohra.

Illi punt interrogattiv li l-Ewwel Qorti naqset li tikkunsidra hija l-kwistjoni dwar kif jista' jkun li fit-3 jew 4 darbiet li attendiet l-istudenta, allegatament l-istudenta "innotat" dawn in-nuqqasijiet da parti tal-appellanti, izda l-lecturer li attendiet maghha ghal minimament darba jew darbtejn ma nnutat xejn. Il-buon sens però jiddetta li jekk verament l-istudenta kienet innutat di propria scienza l-allegat nuqqasijiet, meta attendiet l-lecturer taghha, jew l-lecturer kienet ser tinnota l-istess, jew almenu l-istudenta kienet tigbed l-attenzjoni lill-lecuter taghha a tempo vergine biex hi tosserva l-istess.

Illi l-appellanta umilment tissottometti illi l-inkorettezzi tax-xhud Charlene Calleja ma humiex sempliċiment insinifikanti bhalma qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti b' referenza ghal qoffa li xehdet fuqha Calleja. A contrario iżda, ix-xhieda kollha ta' Calleja titfa' dubju serju fuq l-imputazzjonijiet kontra l-istess appellanta u jimmiltaw favur l-innocenza taghha.

Illi l-esponenti terga' taghmel referenza ghall-fatt illi:

- Din Calleja meta irraportat hija stqarret biss li careworkers ohrajn kienu jilmentaw minn allegati problemi fuq flus rigward it-tombla u mhux ghaliex hija stess kienet rat ċertu nuqqasijiet!

- Illi ma kienx jinzamm record ta' kemm kienu jinbieghu biljetti;

- Illi l-istess Charlene Calleja iddeponiet li ma tantx kien ikun mohha fuq x' taghmel l-appellanti ghaliex iktar kien ikun mohha fl-anzjani. [10]

**<u>Illi ghalhekk in vista ta' dan kollu, l-appellant umilment jissottometti illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha meta din qieset li temmen b' mod selettiv ix-xhieda.</u>**

Illi f' kazijiet bhal dawn fejn allura x-xhud principali li ngiebet mill-Prosekuzzjoni ma kienet xejn kreddibli, l-appellant tissottometti umilment li huwa ferm perikoluz illi l-Qrati taghna jistriehu fuq supposizzjonijiet, kongetturi jew emozzjonijiet biex jaslu ghall-gudizzju.

Rigward imbaghad il-bqija tax-xhieda tal-prosekuzzjoni l-esponenti umilment tissommetti bir-rispett kif l-ebda testimonjanza ta' hadd minn dawn ix-xhieda ma tista' qatt titqies bhala li tlahhaq il-livell ta' prova rikjesta ghal sejbien ta' htija. Dan qed jinghad ghal diversi ragunijiet fosthom il-kwistjoni li huma jikkoncetraw it-testimonjanza taghhom fuq dati li huma barra mill-mertu tal-proceduri, juru bic-car li huma kienux joqghodu attenti ghal dak li kien qed jigri fid-Day Centre, u juri wkoll illi iktar kien mohhom biex jitkellmu dwar dak li jashbu huma jew jissuspettaw milli

---

[10] Folio 116 tal-process.

dak li kien effettivament jigri, u kwindi t-testimonjanza ma tista' qatt twassal ghal xi sejbien ta' htija.

Illi oltre minn dan, issir ukoll referenza ghall-fatt illi minkejja li hija kellha d-dritt tas-silenzju l-appellanta ghazlet illi tixhed f' dawn il-proceduri, xhieda li sfortunatament ġiet kompletament skartata minn l-Ewwel Qorti. Illi l-hidma bieżla tal-esponenti tidher cara anke meta din ġiet promossa ghall-pozizzjoni taghha ġewwa d-day centre, meta kienet torganizza u tipprepara hafna attivatijiet varji li kienet taghmilhom anke a spejjez taghha sabiex iżejjen il-hajja tal-anzjani li jattendu d-day centre. Dan huwa fatt li huwa kkoroborat anke minn xhieda ohrajn bhal Angela Borg, Mary Zahra u Julie Magro.

Illi oltre minn dan hija tispjega minghajr biza' l-procedura tat-tombla fid-dettall u tghid ukoll kif xoghloha kien ikun iccekjat u vverifikat anke mis-superjuri taghha.[11] L-esponenti meta xehdet cahdet kategorikament l-allegazzjonijiet kif dedotti kontriha.[12]

Illi huwa minnu li l-Ewwel Qorti ghazlet li ma temminx lill-esponenti, però b' kull dovut rispett, l-appellanti ma taqbilx mal-argumentazzjoni li tressaq mill-Ewwel Qorti biex skartat l-istess testimonjanza. L-Ewwel Qorti tirreferi ghal zewgt Freudian slips fit-testimonjanza tal-imputata fejn l-imputata l-ewwel tuza s-singular imbaghad il-plural. B' kull rispett però specjalment meta wiehed ikun qed jixhed dwar sitwazzjoni ta' impjieg fejn dak li jkun ghandu kariga "manigerjali" jew anke semplicement sense of belonging genwin, huwa naturali li dak li jkun jirreferi ghalih u ghall-kollegi tieghu b' mod *interchangeably*.

---

[11] Folio 218 tal-process: "*Kienet tghidli orrajt, kollox sew u m' ghandekx problemi*" – fatt konfermat ukoll min Bernardette Psaila stess.
[12] Folio 221 tal-process.

Fir-rigward imbaghad tal-argument tal-Ewwel Qorti li s-sottomissjonijiet tad-difiza li l-prosekuzzjoni ma gabitx provi li xi hadd ra lill-imputata titfa' xi flus fil-but ma jimpressjonawhiex ghaliex jekk issir xi haga klandestinament dina se ssir bil-mohbi, l-appellanti umilment tissometti illi anke hawnhekk l-Ewwel Qorti jidher li kienet skorretta fl-argumenti taghha. L-appellanti ovvjament ma hux qed tmeri l-fatt li certu azzjonijiet klandestini ma jsirux fil-berah kemm jista' jkun, però jekk ic-cirkostanzi fil-provi huma tali tezisti l-impossibilità jew l-improbabilità allura dik tkun storja ohra.

Fil-kaz odjern, l-istudenta fl-ebda hin ma qalet li l-imputata kienet tidhol tinheba go xi ufficju. Kwindi kwalsiasi allegat agir klandestin li allegatament sar kellu necessarjament isir gol-istess sala tad-Day Centre. U jekk kif allegat l-istess Charlene, hija kienet toqghod attenta ghall-appellanta, allura ghandu jsegwi li jekk veru l-appellanta kienet tiehu l-flus tat-tombla l-istudenta kellha necessarjament tinnota lill-esponenti tahbi l-allegati €10 li kienet tiehu. Kwindi jekk Charlene dan ma ratux, dan ghandu jkompli jimmilita favur l-appellanti.

Illi fl-ahhar lok, u strettament minghajr pregudizzju, l-esponenti tissottometti bir-rispett illi s-semplici fatt li l-Qorti taghzel li ma temminx l-verzjoni tal-imputat, dan ma ghandux awtomatikament ifisser li l-imputat ghandu jisntab hati.

Infatti l-appellanti taghmel umili referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet il-Pulizija vs Taddeo Borg, deciza nhar l-14 ta' Jannar 2011, fejn ghalkemm il-Qorti tal-Appell ukoll kienet uriet li hija ma kinitx konvinta mill-veridicità tax-xiehda tal-imputat hija xorta wahda illiberat lill-imputat minhabba nuqqas ta' provi. F' din is-sentenza l-Qorti kienet laqghet l-aggravju tal-appellant u irriteniet li:

*"Il-Qorti wkoll tistqarr li ma hix ghal kollox konvinta' dwar il-veridicita' ta' dak kollu li xehed l-imputat izda anki jekk tigi skartata x-xhieda tieghu bhala inaffidabbli l-Qorti ma tistax' timla' l-vojt fil-provi li imbghad jirrizulta b' kongetturi u spekulazzjoni da parti taghha.*

*Tenut kont li l-istat tal-provi hu dak li hu u li ma setghu qatt iwasslu ghall-prova minghajr dubbju dettat mir-raguni tal-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat il-Qorti hi tal- fehema li jezistu ragunijiet gravi bizzejjed sabiex iwassluha sabiex tilqa' l-aggravju tal-appellant u tirrevoka s-sentenza appellata."*

Illi, di piu` f' dan ir-rigward l-appellant tirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tidhol f' dak li jikkostitwixxi r-responsabilita' kriminali. Il-kundizjonijiet generali ghar-responsabilita' kriminali huma ndikati b' mod preciz fil-maxim legali "actus non facit reum nisi mens sit rea". Ghalhekk att wahdu ma jistax jigi meqjus bhala att kolpevoli jekk tali att mhux akkompanjat b' mens rea. Fi kliem iehor hemm zewg kundizzjonijiet li ghandhom jigu sodisfatti qabel ma jista' jinghad li hemm responsabilita' kriminali u cioe' dak l-att materjali maghruf bhal l-actus reus u l-element formali u cioe' l-mens rea. L-att materjali huwa dak l-att maghmul minn individwu li jivvjola ddrittijet ta' terz. L-element formali huwa l-mens rea li ghandu jakkompanja dan l-att materjali.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Darren Attard**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Settembru 2000, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell spjegat fil-qosor x' inhu ntiz bl-element formali jew *mens rea*

*Frankament din il-Qorti ma tara jew tirravviza ebda spropositu legali f' din is-sentenza ta' l-ewwel qorti. Jekk bil-kliem "mens rea" wiehed jifhem – kif necessarjament wiehed ghandu jifhem fil-kuntest tad-dritt*

*penali taghna – <u>l-element formali jew soggettiv tar-reat,</u> l-ewwel qorti kienet semplicement qed tghid l-ovvju, u cioe` li fl-assenza ta' l-element formali ma jkunx hemm responsabbilta penali.*

Fis-sentenza Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi (App. Krim. (inf) 284/2000 PV; 31.05.2001), il-Qorti tal-Appell tghallem li

> *"huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall- konkluzjoni li ... [l-imputati]..., intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni*".

Ghalhekk huwa mehtieg li l-Qorti tqis l-intenzjoni doluza o meno tal-appellant f' dak li ghamlet jew naqset li jaghmel qabel ma l-Qorti tista' tasal sabiex tistabilixxi l-htija o meno, u dan ghaliex hemm cirkostanzi meta ma hemmx intenzjoni kriminuza ghalkemm l-att huwa kiefer u oggettivament hazin. Issa l-mens rea jinkludi zewg attitudni tal-malvivent u cioe' l-malvivent ikun responsabbli ghal dawk l-atti hziena li jaghmel b' mod intenzjonali fejn allura l-intenzjoni tieghu tkun wahda doluza u dik fejn il-malvivent ikun traskurat f' ghemilu u ghalhekk l- intenzjoni tieghu hija wahda a culpa. Huwa biss meta jkun hemm wiehed minn dawn ic-cirkostanzi li jista' jinghad li l-att materjali jkun akkompanjat bil-mens rea rikjesta mil-ligi u li l-element formali u materjali ta' reat jikkoncidu u dan ghaliex jekk m' hemmx dolus u ad dirittura lanqas culpa allura ma hemmx responsabilita kriminuza. L-intenzjoni b' mod generali hija l-iskop jew disinn li bih att jigi affettwat. Jinghad li att huwa ntenzjonat jekk jezisti fil-hsieb qabel ma jsehh.

Holmes fil-ktieb tieghu **Common Law a fol. 53** jirrileva li:

> "*intention resolves itself into two major issues - that of foresight and that of wish, desire.*"

Illi kif sahhqu l-Qrati taghna ai rigward l-**Artikolu 127 (1) tal-Kap 9:**

> *"Illi fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 127, il-Qorti ser tapplika l-istess argumentazzjoni. Hawnhekk id-dolo mehtieg ukoll isarraf fil-fatt illi l-ufficjal pubbliku japproprja ruhu jew jisraq flus jew oggetti ohra mobbli sabiex jaghmel profitt u dana b' abbuz tal-fiducja lilu moghtija fil-kariga li jokkupa. Kif ighid il-Professur Mamo: "Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first i.e. "misapply" inasmuch as the public officer already has the detention or general possession of the thing: he only betrays the trust resposed in him by diverting it from its destination, by using it unlawully or his private advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain." Huwa jikkwota dak li ighid l-Imhallef Harding: "Embezzlment is a crimen interversionis – that is it is completed when the lawful "causa possidendi" is fraudulently substituted by the unlawlul ' causa dominii' . As soon as the sum or thing is misapplied, there is fraudulent conversion."*[13]

Illi per di piu`,

> *"l-mens rea fil-kummissjoni ta' dan ir-reat huwa l- intenzjoni tal-ufficjal pubbliku li jaghmel uzu hazin mill-oggett ikkonsenjat lilu u dana b' mod frawdolenti sabiex b' hekk huwa jaghmel qliegh personali mill-istess. Illi fil-kaz odjern ma gietx pruvata l-intenzjoni specifika li l-imputat ghamel xi forma ta' qliegh. Lanqas ma gie*

[13] Vide Pulizija vs. Carmel Saliba deciza nhar il-31 ta' Mejju 2012 deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)

*pruvat li huwa ghamel uzu hazin jew frawdolenti tal-process li kien fil-pussess tieghu biex jikseb xi vantagg personali."*[14]

Ghalhekk att huwa intenzjonat meta kull parti tieghu jikkorrispondi ghal hsieb precedenti li kien prezenti f' mohh l-agent u li bih gie realizzat latt. B' mod generali jinghad li huwa l-operat maghdud ta' intellett u volja. Huwa car fil-ligi penali li l-kelma ' intenzjoni' hija uzata f' sens usa u fil-fatt Carrara jiddefinixxi l-intenzjoni kriminuza dolus "as the more or less perfect intention of doing an act which is known to be contrary to law".

Mhux necessarju li l-malvivent ikun jaf li qed jikser il-ligi izda minhabba l-principju ignoratia iuris neminam excusat izda li l-malvivent kien jaf li kien qed jaghmel xi haga hazina.

Kif jghid l-awtur **Ingliz Kenny** a fol. 39 tal-ktieb tieghu intitolat Criminal Law –

"*in all ordinary crimes the psychological element which is thus indispensable may be fairly accurately summed up as consisting simply in intending to do what you know to be illegal.*"

Dan l-element jirrikjedi:

*1. "the power of violation, i.e. that the offender must be able to help doing what he does;*

*2. knowledge - that what the offender is doing is wrong;*

*3. foresight of such circumstance".*

[14] Vide Pulizija vs. Edwin Vasallo deciza nhar it-12 ta' Awwissu 2019 deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta)

**Antolisei** fil-ktieb tieghu - **Manuale di diritto penale** - 1975 edition (fol 271) jghid li sabiex imputat jinsab hati ta' reat huwa essenzjali li jkun hemm l-ezistenza tad-dolo, ex admisses jghid:-

> *a. "la rapresentazione o cioe' la visione anticipata dell fallo che costituisce il reato (momento conoscitivo o intelletuale);*
>
> *b. la risoluzione seguita da uno sforzo del volere diretto alla realizzazione del fatto rappresentato (momento volitivo)".*

Għalhekk, meta jiġi meqjus dan kollu jirrizulta lix-xhieda li qagħdet fuqhom l-ewwel Qorti sabiex issib il-ħtija fl-imputat **<u>MA KIENU KREDIBBLI XEJN</u>** **<u>u dan għaliex huma bil-bosta l-inkonsistenzi u l-inverosimilitajiet li jeżistu fid-depozizzjonijiet tagħhom.</u>** Konsegwentement ma tantx jista' jingħad lill-imputazzjoni ġiet pruvata sal-grad rikjest mil-liġi.

Illi umilment jigi sottomess ghalhekk illi l-verdett milhuq mill-Ewwel Qorti ma huwiex safe and satisfactory to be confirmed on appeal. Ghalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha ssegwi l-massima in dubio pro reo u ma ssibx lill-imputat hatja ta' l-imputazzjonijiet hekk kif dedotta fil-konfront taghha.

Għaldaqstant għalkemm il-ġurisprudenza nostrana kemm il-darba tenniet illi l-Qorti tal-Appelli Kriminali ma għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi tal-Ewwel Qorti, dan għandu jsir jekk dan l-apprezzament kien wieħed żbaljat, sabiex titwettaq ġustizzja. Infatti, fil-kawża bl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Noel Buhagiar</u>** deċiża fl-għaxra (10) ta' April tal-elfejn u tmienja (2008) il-Qorti eżerċenti s-setgħa ta' Appell Inferjuri spjegat:

*Illi dan l-appell hu impernjat fuq l-apprezzament tal-fatti li sar mill-ewwel Qorti. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din ilQorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w lgudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda "safe and satisfactory" fid-dawl tarrizultanzi. (Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et" [12.5.94] ; "Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud" [11.7.94]; "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra" [10.5.2002] u ohrajn )*

Kif ukoll l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Antoine Agius** mogħtija nhar it- tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) rriteniet:

*' Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha.* ***Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.'***

Għaldaqstant, l-esponenti appellanta umilment tissottometti illi l-Onorabbli l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha u

sussegwentament skorretament sabitha ħatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghha.

2. <u>Piena Erogata</u>

Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għal dak kollu suespost, l-appellanti qiegħda tinterponi dan l-appell ukoll mill-piena erogata fil-konfront taghha mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi l-esponent umilment tirrileva illi l-piena mogħtija hija waħda eċċessiva, u cioe' wahda karcerarja ta' sentejn (2), sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fl-umli fehma tal-esponenti, tenut kont ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-piena mposta fuqha ma hijiex wahda ekwa u gusta ghal kaz odjern u b' hekk timmerita temperament. Fil-fatt l-appellanti isostni illi l-piena karcerarja anke jekk sospiża nflitta fuqha, tenut kont it-tipologija u s-severita' tar-reat, kienet wisq harxa.

**Kenny** fil-ktieb tieghu ' **Outlines of Criminal** Law' jghallem li:

> *"As regards the offence, account must be taken:*
>
> *(1) of the greatness or smallness of the evil likely to result from acts of its class;*
>
> *(2) of the facility and difficulty with which it can be committed or, again with which it can be detected;*

*(3) of the frequency or rarity with which, at the particular time concerned, acts of this class are being committed;*

*(4) of the aggravating or extenuating circumstances which accompanied this particular act…*

*As regards the offender himself, account must be taken:*

*(1) of his age, health and sex;*
*(2) of his rank, education, career and disposition;*
*(3) of his motive;*
*(4) of any temptation, or intoxication under the influence thereof he acted;*
*(5) of his susceptibility to punishment…"*

Illi, bir-rispett dovut jiġi sottomess illi l-effett deterrenti tal-kamp penali li hadet in konsiderazzjoni l-Ewwel Qorti huwa wiehed esaġerat u dan meta wiehed iqis illi llum il-gurnata huma bil-bosta l-insenjamenti mill-Qorti tal-Appell Kriminali dwar l-importanza li l-piena għandna tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena.

**Illi kkonsidrat dan kollu, u strettament minghajr pregudizzju dwar il-mertu, l-appellant umilment tissottometti li piena karcerarja ghal sospiza fil-kaz odjern, hija wahda esaġerata u eċċessiva ghal-ahhar! Għaldaqstant l-appellant titlob umilment li f' każ li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell tagħżel li tikkonferma l-ħtija, tirriforma l-piena b' dana li din tkun waħda iktar mita u idoneja.**

Illi bosta drabi l-Qrati saħqu fuq il-bżonn li l-piena għandna tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena.

Għalhekk, kif intqal mill-Qrati Maltin l-għan ewlieni hi illi jkun hemm rimedju retributtiv aktar milli dak restorattiv, u għaldaqstant meta tara l-piena inflitta komplessivament u l-età tal-appellant, din ma toħloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant aċċenat u aċċettat, fil-kunċett ta' ġustizzja kriminali fiż-żminijiet ta' llum.

**Illi ssir referenza ukoll ghax-xhieda ta' Dr. Godfrey Farrugia li xehed fuq l-effett tant detrimentali li l-proceduri kriminali hallew fuq sahhet l-esponenti in kwantu haditha bi kbira ghaliex kienet inġustament akkużata. Illi tajjeb li jiġi anke ssottolinjat li kienet l-Ewwel Onorabbli Qorti stess illi sahqet illi l-fedina penali tal-esponenti hija wahda prattikament netta!**

Illi qabel xejn ghandu jigi kkunsidrat li **l-piena qatt mghandha sservi sabiex titpatta l-hsara li tkun iggarbet mill-vittma - jew mill-familjari taghha - kawza tas-sinistru**.

Illi f' dan l-isfond ssir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**:

*Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m' ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*

*Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b' ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*

*Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu......*

*Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil- karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m' ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.*

*Illi fil-kaz in ezami l-imputat m' ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;...*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Anton Vassallo</u> deciza mill-**Onor Imhallef David Scicluna nhar id-9 ta' Jannar, 2013 intqal hekk:

> *"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b' ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja*

*kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

*12. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi lappellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta' servizz fil-komunita`. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.*

Illi inoltre fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Massimo Abela</u>** deciza mill-Imhallef Edwina Grima nhar it-28 ta' Frar tas-sena 2018 intqal hekk:

*Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt, fost diversi decizjonijiet, fis-sentenza* ***Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri*** *moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:*

*Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta' , izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga' , bil-fatti, wera' ; soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B' hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi ' crime does not pay' . Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi informat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.*

Illi inoltre l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef** sahqet illi:

*' l-piena m' ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena*

> *huwa dak li tigi protratetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil- kaz ta' persuni li b' ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.'*

F' dan l-istadju l-appellant taghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi, wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina**, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn;

> ' illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F' dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni *ta' Probation*.

> *Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, **li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza***

***mid-droga b' mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin**… **li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv**… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b' success il-programm residenzjali, **u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat** oltre li ttermina b' success il-programm residenzjali **ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.***

Fis-sentenza, **Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

*Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b' applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' , jew li m' ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F' dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet*

*<u>Il-Pulizija v. George Farrugia</u>: "Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f' dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.***

Illi inoltre qisu bhal donnu l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni fl-erogazzjoni tal-piena inflitta t-trapass konsiderevoli taz-zmien bejn iz-zmien tal-akkuzi u d-data tas-sentenza. Ill dan it-trapass taz-zmien, kif jirrizulta car minn l-istess verbali tal-Qorti, zgur li ma kienx minhabba xi nuqqas attribwibli lill-appellanti nnifisha.

Din il-Qorti, f' diversi okkazzjonijiet kellha l-opportunita illi tippronunzja ruhha fuq l-effett tat-trapass taz-zmien fuq il-piena, u senjatament ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi</u>** deciza mill-Qorti ta' l-Appell

Kriminali fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001), fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali rreteniet illi:

*it-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma.*

Issir ukoll referenza ghal kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nicola Farrugia, John Bugeja, u Loreto Bonello u ommisis,** datata tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002) fejn il-Qorti ta' l-Appell irreteniet illi:

> *Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma . Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kkagunat jew provokat minnu stess – kif gara f' dan il-kaz u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra.*

Semghet lil-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta ta'.......

Ikkunsidrat,

Fl-ewwel aggravju l-appellant tilmenta li l-ewwel Qorti m'ghamltlix apprezzament tajjeb tal-provi prodotti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll filkaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-

konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghallkonkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din ilQorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[15]; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[16]; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[17]; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[18] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza **R. v. Cooper** [19] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza **s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968**) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

[15] Moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1995
[16] Moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989
[17] Moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-31 ta' Mejju 1991
[18] Moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-31 ta' Mejju 1991
[19] ([1969] 1 QB 276)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : **<u>Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt</u>**[20], inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba lgudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lillversjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Illi ghalhekk din il-Qorti qabel xejn trid tesamina x-xhieda prodotta.

l-allura **spettur Angelo Gafa** xehed nhar il-11 ta' Mejju, 2011 spjega li dan il-kaz beda fuq rapport ta' Dr Stephanie Xuereb, Direttur fid-Dipartiment tal-anzjani u kura fil-komunita rigward allegt tbaghbis ta' flus fid Dingli Day Centre mill-ufficcjal in charge certu Philippa Borg. Dr Xuereb flimkien mal-part time social assistants Patricia Owen

[20] Moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru, 1994

u Josette Cutajar fid-Day Care centre qalu li kif dan ic-centru f'Had Dingli huwa miftuh matul il-gurnata ghall-anzjani u nha ta' Tnejn Erbghaa u Gimgha u fost attivitajiet li korganizza dan ic-centru hemm it-Tombla. L-akkuzata Philippa Borg kienet in charge mill-biegh tal-biljetti tat-tonla u dawn l-anzjani kelhom l-option jew li jixtru pakkett shih jew nofs. Pakett shih kien jisqa erba' euros filwaqt li nofs kien jisqa zewg euros. Naturalment jekk tixtri pakkett shih hemm cans doppju li persuna tirbah. Wara dan l-avveniment, kient imtela Tombola sheet fejn fiha kien jitnizzel l-ammont ricevut ta' flu smill-biegh ta' dawn il-biljetti, l-ammont ta' biegh mahrug kif ukoll il-bian rispettiv.

Gie spjegat lill-pulizija li l-akkzata kuntrarju gha din l-ordni, li l-ewwel tnizzel l-ammont ricevut, tnaqqas il-winnings u tnizzel il-bilanc, din kienet tibda l-ewwel mill-winnings u hekk, kienet ghodd il-bilanc u imbaghad kienet tghodd it-tnjn u kienet tnizzilhom bhala l-ammont ricevut. Kif ukoll ma kien hemm l-ebd arecord ta' kemm inbiegh filf-att biljetti. Fil-fat Owen u Josette nnutaw li generalment kien hemm average ta' tletin eprsuna li kienu jattendu dan i-Centre u kollh ahlief xi tnejn kienu jilghabu it-Tobla. Din Philippa Borg kienet tigbor il-flus ta' dawn il-biljetti go zewg skutelli tal butir, ammont sostanzjali ta' dawn il-flus u hekk kienet taghti l-impressjoni li ftit ingabru flus peress li l-iskutella ta' fuq kien ikun fiha inqas flus. Kemm Owen kif ukoll Josette allegaw li skond kollwzzjoi taghom, din Philippa Borg kienet tiddikjara ammont inqas ta' flus minn dak li fil-fatt kienet iddahhal ic-Centru mill-biegh ta' dawn il-biljetti u liema flus fil-fatt kienu jintuzaq mic-Centru ghall-ispejjez li kien jaghmel l-istess centru.

Jghid li record tal-biljetti li inahrgu ma kienx hemm. Jghid li flimkien mar-rapport li ircevew kien hemm email mibghuta minn Dorothy Meli li hija mill MCAST institute of Community Service Director li irceviet minghand Dr Xuereb fil-kapcita tagha ta' Direttur tal-Elderly and Community Service Department fejn din l-ufficjal tal MCAST spjegat kif fit-12 ta' Diembru 2008 wahda mill-istudenti ta' l-Mcast li kient addetta ma dan ic-entru bhal apartti mill-istudji taghha kineet irraportat lidawn l-anzjani kienu

qed ihalsu flus li ma kienux accounted for fic-centru. Mela din l-istudenta kienet qed tirraporta lill0fficcjal itaghha tal MCAST.

Huwa tkellem ma din l-istudenta Charlene Calleja fis-26 ta' Dicembru, 2008 fejn din ikkonfemrat libejn Ottubru u Novembru 2007 kienet adetta mac-Centru f Had Dingli bhal aprti mill-istudji taghha. Kif kienet marrt f'4 okkazzjonijiet kul darba osservat lill-akkuzata tiddikjara inqas flus minn dak ricevut , liema flus kienu jigu ricevuti minn dawn l-anzjani ghall-biegh tat-tombla. Meta kieent tikkalkula l-ammont ta' biljetti mibjugha u dak li ddikjarat minn l-akkuzata din Calleja stmat li kien hemm xi diskrepanzi ma kul ghaxar euro. Sa dan it-tant irrizultlha u saret taf li l-Elderly Department kellhom rapporti ohra dwar l-istess akkuzata u fil-fatt inghatat tlett rapporti fi forma ta' complaints likienu jkopru l-perijodu ta' bejn Novembru 1999 u Ottubru 2004. Dawn kienu gew maghmula kemm mid-dipartiment kif ukol mill-Ministeru minn certu Mariosa Calafato li dak iz-zmien kienet tokkupa l-kariga ta' l-ufficcjal in charge mid-Dingli Day Centre, minn Patricia Owen, elsie Cassar u Josette Cutajar ilkoll haddiema hemmhekk kf ukoll f'okkazjoni wahda minn Jacqueline Azzopardi li tokkupa l-kariga ta' Direttur tal- Istitut ta' Studji forensici fl-Universita ta' Malta.

Dawn ir-rapporti kollha kienu jindikaw li kien hemm tbaghbis ta' flus mill-istess akkuzata fid-Dingli Care Centre. Sadanitant kienet giet moghtija it-Tombla sheets ta' 'dan ic-centru fejn irrizultalha li wara li l-akkuzata kienet giet trasferita mid-Dingli Care Centre fis-17 ta' Dicembru 2008, il-gurnata qabel ma sar r-rapport lill-pulizija minn hemmhekk 'l quddiem dan ic-centru beda jirregistra iktar ammonti ta' flus dehlin mit-Tombola.

Wara li kien gabar din l-evidenza kollha u wara li l-kummissarju tal-pulizija kien ircieva ukoll rapport huwa baghat ghall-akkuzata nhar is-16 ta' Jannar, 2008 sabiex jinterrogaha. Din irrilaxxjat stqarrija nhar is-17 ta' Jannar, 2009 l-ghada li giet arrestata fejn ammettiet li f'Dicembru 2008 u fis-sena u nofs ta' qabel kienet kul darba tiehu s-somma ta' €5 u qalet li dawn il-flejjes kienu joriginaw mill-biegh tal-biljetti tat- Tombla. Spjegat li kienet tiehu dawn il-flus biex timla it-tank tal-petrol tal-karozza taghha.

Qalet li ma kelha l-ebda awtorizazzjoni biex taghmel dan biex tiehu l-flus tac-centru u tuzhom ghal uzu personali taghha u kien ghalhekk li giet imresqa l-Qorti. Huwa esebixxa l-istqarrija taghha li giet markata bhal dok AG 1,dokumentazzjoni li kien ircieva minghand id-dipatiment tal-Anzjani li giet markata bhal dok AG 2, tlett ittri dwar rapporti li kien xehed dwarhom li gew markati bhal dok AG 3, is-sheets tat-Tombla li jkopru perijodu ta' mill-1 ta' Gunju, 2007 u 12 ta' Jannar, 2009 minn fejn tohrog id-diskrepanza mill-mument li l-akkuzata ma baqghetx tahdem f'dan ic-centru u dawn gew markati bhal dok AG 3. Esebixxa ukoll dokument mahrug mid-dipartiment tas-Servizzi ta' 'l-Anzjani fil-komunita li juri ammonti ta' flus migbura mit-Tombla xahar b'xahar fis-sena 2007 u dan gie markat bhal adok AG 4, l-attendenza ta' l-anzjani f'dan ic-centru markat bhala dok AG 5, il-kotba ta' dan ic-centru li jindika id-dhul u hrug tal-flus tac-centru li gew markati bhala dok AG 6 u dokument mibghut lilhom mid-dipartiment fejn hemm id-dettalji tal-akkuzata u cioe li kienet tahdem bhala casual social assistant u dan gie markat bhal dok AG 7. Dok 8 huwa il-biljett tat-Tombla .

In kontro esami nhar it-12 ta' Ottubru, 2012 kkonferma li l-invesitgazzjoni bdiet wara skambju ta' korrispondenza bejn l-istudenta tal-MCAST u rapporti tal- Ministeru tad -Day Centres u Direttur ta' Dipartiment tal-Kura ta' l- Anzjani .Ikkonfmeraw li dawn id Day cenres huma amminsitrati mid-dipartient ghall-anzjani u ghalhekk il-flejjes li kien jingabru mil-loghob tat Tombla kienu tal Gvern . Irrizultalu li l-akkuzata kienet qed izzomm xi flejjes minn dawk li kienet tigbor. Qal li kien hemm numru ta' vitma anzjani pero ma hass il-htiega li iressaqhom bhala xhieda

**Dr Stephane Xuereb,** Direttur fid-Dipartiment ta' l-Anzjani xehdet nhar il-11 ta' Mejju, 2011 u kkonfermat li fit-18 ta' Dicembru, 2008 ghamlet rapport lill-pulizija dwar it-tmexxija tad-Day Care Centre ta' Had Dingli. Qalet li kien ikun hemm numru ta' anzjani fid-Day Care Centre li jmorru hemm maturl il-jum bejn it-8.00a.m sat-3.00p.m u dan sabiex jippartecipaw f'attivitajiet organizzata hemmhekk biex jintegraw ruhhom fis-socjeta. Qalet li l-akkuzata f'Dicembru, 2008 kienet tmexxi ic-Centru. Qalet li kemm kien ilha Diretttur kienet tircievi hafna *complaints* verbali. Fost l-attivitajiet li kienet torganizza kien hemm coffee mornings, outings and Tombla.

Dwar it-Tomb;la tghid li kient irceviet email f'Dicembru minn Dorothy Meli tal MCAST studenta li kient assigned mad Day Care Centre fejn gibdet l-attensjoni tat-teachers taghha tal MCAST li gewwa id Day Care Centre ta' had Dingli kien hemm certu practices li makienux kif suppost. Wahda mill-afarijiet li din l-istudenta stqarret hija li l-flus tat-tombla ma kienux jigu recorded sew. Hija ghalhekk ghajtet lil Mrs Bernardette Pssaila il-Head tad Day Care centres biex tara jekk kellhiex iktar informazzjoni fuq kazijiet bhal dawn u din qaltilha li kien hemm rapporti ohra. Hija ghalhekk ghajtet lill-akkuzata l-ufficcju taghha biex tispjega l-allegazzjonijiet li kien hemm dwarha u din innegat kollox u qaltilha li dak li kienet qed tghid ma kienx minnu.

Qaltilha biex tispjega x'taghmel meta taghele it-Tombla u kif tigbor l-flus u x'rendiont taghti u x'kient tagheml bl-ikel li kienet tqassam ghaliex kellha rapporti li kient tqassam ikel skadut minflok tmur tixtri il-godda . Qalet li id Day Care centres huma self sufficient u id-dipatimetn ma jaghtix fondi lic Centre biex jopera. Jigbir il-flus tal-membership u juzhom ghall-istess post flimkien mal-flus li jiggenera mit-Tombla.

L-ilment li kellha minn dik l-istudenta tal MCAST kien li l-flu sli kienu qed jingabruma kienux qed jigu recorded sew u li r-rebh li jinghata mat-Tombla ma kienx jirrifletti l-ammont ta' flus li kienu jingabru. Esempju Mrs Borg kienet tghidilhom ma tantx barna flus illum u allura ir- rebh iridi ikun ta' ftit bhala ammont . Ikkonfemra li wabel ma kellha din il-compalint ta' l istudenta tal MCAST kellha complaint verbali anke dwar it tmexxija hazina ac-centru. Murija id-dok AG2 tghid li dan gie mibghut minnha lill-ispettur b'covering note datat 13 ta' Jananr, 2008.Anness ma dik il-coverin not kien hemm rapport dwar l-akkuzata.

Qalet li meta l-akkuzata telqet id-dipatiment nnota li n-numru tal-Membri naqas u dan ghaliex l-akkuzata ma kienitx qed tati rendikont tajjeb ta' kemm kien hemm membri. Tghid li fil-Milied kienet tibghat rigal zghir tac-cikkulatini u ghahekk jista jkun li kient tghid li n-numru kien ikbar milli fil-fattt kien. Qalet li minkejja li n-numru tan-nies nizel tghid li d-dhul tat-Tombla zied .

In kontro esami nhar it-13 ta' Marzu 2013 tghid li d-Day centres tal anzjani jaqghu taht id-dipartiment taghha tal-Elderly. Tghid lilill-akkzuata ma kienitx tafha u saret taf minn hi war ali ghamlet zjara fid-Day centre war ali irceviet ir-rapport ta' l-situdenta. Qalet li kient tkelmet mas-sinjura Psaila li tigi fuq l-akkuzata u din ikkonfermatilha likien hemm xi complaintss dwarha u li ghalhekk ma dehritx sorpriza b'dak i gie rapportat. Ikkonfermat li kient marret fid-Day cente biex titkellam mal-akkuzata u anke tara l-kotba li kienu jinzammu . Kien hafna irregolaritajiet bhal metatghid lill-istudenti biex m ajmorrux u tifirmalhom hi, jew li tqassam ikel i kien skadut . Agir mhux ta' persuna li tmexxi Day Care centre. Ikkonfermat li mal-akkzuata meta marret fid-day centre tkelmet maghha fq il-loghob tat Tombla. Mistoqsija x'instructions tatha is Sinjura Psaila tghid li ma tafx pero zgur li ma tathiex instructions differenti min if jitmexxew Day centres ohrajn. Id-day to day ta' dak lli jigri fid-Day Centre jaqa' f'idejn s-sinjura Psaila. Mistoqsija jekk tkelmitx ma l-anzjani tghid li ma tkelmitx.

**Bernardette Psaila,** Head tad Day Care centres u msitqosija jekk tafx lill-akkzuata tghid li tafha bhala Philippa Borg, l-officer in charge tad-Dingli Care Centre Qalet li ghamlet rendikont tat Tombla meta l-akkuzata kienet hemm fis-snin 2007 u 2008 u ghamlet ukoll tas-sena ta' wara u cioe tas- sena 2009. Id-dok G3 huma it Tombla sheets ghall-perijodu mill-1 ta' Gunju, 2007 sat-12 ta' Jananr 2009. Din kienet is-sistema sabiex jiddokumentaw it -Tombla . It-Tombal kient issir f'kul Day Centre inkluz dak ta' Had-Dingli. . Mr Bezina id Direttur kien taha permess li t-Tombla tingabar kemm mill-officer in charge kif ukoll mill-istaff. Anke meta ma jkunx hemm staff it-tombla issir u ssir mill-Officer in Charge u jkun hemm il-firma ta' anzjana. Genralment fid Day centres jiehdu hsiebha l-istaff u tiffirma anzjana imabaghad il-flus jingahta lill *officer in charge* u din tara l il-flus lli jingabar jaqbel mad-dokumenti . F Had Dingliu din is-sitsema kienet tigi adoperata mill-officer in charge u fl-assenza taghha mill-istaff. Il-biegh tal biljetti kien ikun f'diejha. Hija kient taghmel il-monitoring u fil-fatt kien ikollha hafna problemi f'dan ic-centru. L-istaff kienu jghidu li ma jafdawx lill-akkzuata u l-akkzuata kient tghid li ma tafdax lill-istaff. Ghalhekk kien hemm din id-diskrepanza. L-akkuzata kienet trid kollox f'idejha . Fid-dok Ag3 hemm idniakt x'loghob sar u suppost hemm imnizzel x'dahlu u x'suppost tat lill-anzjan bhala rebh u x'baqa . Izda f'dan il-kaz kien qed isir bil-kontra. Taghtihom il-karta u dan ghaliex

kienet qalet lill-istaff biex ma jiffirmawx. Kienet tigbor il-flus u wara taghti l-karti lill-helpers biex jiffirmaw. Qalet li dan tafu ghaliex kienet tmur hi stess taghmel il-monitoring u kif ukoll ghaliex kellha rapporti mill-istaff.

Spjegat li wara li johorgu it-Tombla sheets dawn jiddahlu fil-kompjuter. Qalet li l-akkuzata kienet officer in charge sa mis-sena 2002 u damet sas sena 2008. Qabel kienet staff. Wara li telqet l-akkuzata irrizultalha li mit Tombla sheets il-flus zdiedu bhala dawk dikjarati minkejja li n-numru ta' anjzani naqsu. L-akkuzata kienet tiddikarja 82 anzjana izda meta dahlet l-officer in charge ta' warajha qalet li kien hemn 58 membru. Hija esebiet id-dhul tat-Tombla sas-snin 2007 u 2008 li gew markati bhala dok BP1 li huma bhala dokument AG3 Bhala dok PB2 esebiet it-Tombla sheets tas-sena 2009 meta l-akkuzata ma kienitx ghadha officer in charge gewwa ic- centru ta' Had- Dingli . Dwar id-dok AG2 tghid li dawn huma tlett rapporti li kienet ghaddiet lill-pulizija, wiehed minnhom jirrelata ghas-sena 1999 meta l-akkuzata kienet ghadha staff fejn gja hemm indikat li l-akkuzata kienet taqla' l-problemi. Qalet li minn hemmhekk 'l quddiem kienu bidlu x-xoghol ta' l-akkuzata. Mariosa Calafato qaltilha li meta waqfu lill-akkuzata min dan ix-xoghol u cioe li ma tixtrix aktar groceries u ma taghmilx it-Tombla id-dhul irduppja.

In kontro esami tghid li r-relazzjobi taghha mala-kkuzata gili kienet taba u gili hazina u dan ghaliex kient tghajjarha meta tikkoregiha. Kient tghidilha li ixxewex u li taqa' l-inkwiet fid-Day Care centre. Tafli anke kien infetah Bord tal-inkjeta fuq xi rapport min taghha peo x'sar minn din l-investigazzjoni ma tafx. Mistoqsija x'instrucitons tat lill-akkzuata dwr il-loghob tat-Tobla tghid li supost kienu izommu rendikont. Kellhom formoli apposta fejn iridu jiddikajraw l-biegh Dan kellu jsir mill-officer in charge li kient l-akkzuata. Din kellha izzomm rendont tal-biegh li taghmel u x'tat bhala rebh u kemm ikun il-bilanc ghad-day Centre Dan id-dokument jigi iffirmat minn anzjana, l-officer in charge jew helper jekk ma jkunx hemm il-full compliment ta' l-sitaff. Mistoqsija jekk kellhomx il-permess inghadn il Lotteries and Gaming tghid li ma tafx. Tghid li it-tmexxija tad-day centre jiddependi fuq id-dhul mit-Tombla, mill-membership u xi fundraising fejn ibieghu qisu xi bazaar. . Mistoqsija min kienu lawdituri tghid li ma tax Pero il montiragg kien isir minnha. Minn dak li jigbru ihalsu ghal cafe, sandwiches u xi rigali ghall-anzjani. M akienxu ihalsu l-kontijiet tad-dawl u

ilma. Fiz-zmien meta kien hemm l-akkzuata fid-Day Centre maghha kien hemm zewg impjegati ohra apparti l-istudenta. Apparti l-ufficcju i kien jissakkar mill-officer in charge id Day Care centre huwa open space. Ghaliha l-importanti kien li l-flejjes jinzammi f'post sigur u mhux necessarjament f'kaxxa u jekk l-officer in charge ma xtrax il-kaxxa huwa nuqqas tieghu.

**Patricia Owen,** tghid li taf lill-akkuzata bhala l-*officer in charge* taghha fic centru ta' had- Dingli waqt li hija kienet tokkupa l-kariga ta' helper. Ikkonfermat li fit-18 ta' Diembru, 2008 kienet ghamlet rapport flimkien ma Dr Xuereb u Josette Cutajar dwar l-akkuzata. Tghid li dak iz-zmien l-akkuzata kienet tiehu hsieb ix-xiri tal-groceries u il-biegh tal-biljetti tat-Tombla. Qalet li l-akkuzata kienet tohrog tbiegh il-biljetti tat - Tomba li kienu ikunu f'skutella. Nofs pakkett kien jiswa 2 euros, pakkett shih 4 euros u jkollok pakket ta' tnax. Qalet li kienet tohrog b'zewg skutelli pero mistoqsija ghaliex kienet taghmel hekk tghid li ma tafx. Taf li kienet titfa l-flus tal-biegh tal-biljetti ftit go skutella wahda u ftit go ohra u dan tafu ghaliex kienet tarha. Imbaghad kienet tkun l-akkuzata stess li tirrikordja il-biegh li tkun ghamlet. Hija ghamlet referenza ghad dokument BP1 li jmur lura ghas-sena 2008 u appuntu ghas-7 ta' Lulju. Tghid li hemmhekk hemm il-firma ta' l-anzjana Mary Lia li tkun rebhet, hemm il-firma taghha u dik ta' Josette Cutajar il- careworker.

Qalet li gili kienet tmur bil-ktieb mimli u gili bih vojt u jiffirmaw xorta Mistoqsija jekk tista tikkonferma li kienu jingabru l-flejjes li kienet tiffirma ghalihom tghid li le . Kienet tiffirma ghaliex hekk kienu qalulha li trid tiffirma. Ma kienitx tara lill-akkuzata tiffirma u timla l-karti. Dan ma kienx isir quddiemha. Qalet li meta kienet tbiegh hi kienet tara kemm bieghhet, tara kemm kien ir-rebh u tara x' kien ikun il-bilanc u dawn ikunu fondi tac-centru. Pero dak li kien qed jigri hu li l-akkuzata qua officer in charge kienet tbiegh il-biljetti hi, tghodd il-flus wahdeha. Ma kienitx tkun maghha gili kienet tkun qed taghti t-te. Qalet li illum il-gurnata hija u Josette Cutajar ibieghu l-biljetti u fil-fatt l-fondi zdiedu.

In kontro esami qalet li kient tahdem bhala part timer social assitant imhalsa mill-Gvern. Xaghlha kie li taghemlit-tejiet u sandiwches ghall-anzjani u li tmur titri l-ikel ghalihom . Mistoqsija minn fejn kient iggib il-flus ghax xirja, tghid li kien hemm ftehim ma tal-hanut li kien jaghtiha ricevuta u hija tghaddiha lill-akkuzata u din tpoggihom

f'envelope taghlqutiffirma ghalih u niehdu ghand tal hanut . Ghalhekk kient thallas cash lil tal hanut u mhux b'xi purchase order. Gili kien tmur tigbor l-anzjani bit-transport u gili kient iddur bit-Tombla. Qabel kient tbiegh il biljetti flikien ma Josette . Kienet hodd il-flus mal-anzjana u tikteb kemm dahhalt u kemm kien hemm hrug u kem tat rebh. Qalet li kient tpoggi l-flus go kaxxa tal-margarine

**Josette Cutajar**, Social Assitant fic-Centru ta' Had Dingli xehdet u spjegat li kienet ilha tahdem hemm ghal tmien snin. Lill-akkuzata tafha bhala l-officer in charge taghha. Ikkonfermat li fit-18 ta' Dicembru, 2008 kienet akkompanjat lil Dr Xuereb u lil Patricia Owen ghand il-pulizija biex jghamlu rapport. Qalet li kienet tiddejjaq tiffirma karta fejn kien hemm indikat certu somma meta fil-fehma taghha kellu jkun hemm izjed. Qalet li suppost hija kienet tbiegh il-biljetti izda l-akkuzata kienet tbieghhom. Qalet li kienet infurmat lid-Direttur li l-akkuzata kienet tridha tiffirma karti fejn suppost kellu ikun hemm iktar flus. Ikkonfemat pero li ma kienitx taf fejn kienu imorru il-flus. Tghid li l-akkuzata kienet tghidilha li jekk ma tiffirmax kienet ser itiha transfer. Cio nonnostante ghamlet kwazi sena ma tiffirma u id-direttur rega bagaht ghaliha. Qalet li l-akkzuata kient tnizzel bhala bilanc somma inqas minn dak li supopst kien ikun hemm Tghid li l-akkzuata kienet tigbor il-flus f'zewg skutelli pero x'kienet taghmel bid-differenza ma tafx. Murija id-dokument BP1 tgharaf il-firma taghha u tghid li iffirmat ghax kienet qaltilha l-akkuzata pero ma tikkonfermax li kien hemm daqshekk flus dakinhar. Ma kienitx tkun hdejn l-akkuzata meta tghodd il-flus. Qalet li illum taghmel it-Tombla hi ma Patricia u ir-rebh huwa ghola u jibqaghlhom iktar flus.

In kontro esami kkonfermat li kienet tahdem bhala part time social assistant fis-sena 2008 u giet tal-post fis-sena 201 jew 2012. Qaletl i xoghlha ien jikkonsisti billli tigbor l-anzjani, ttellgha it-Tombla tghati te u sandwich lill-anzjani . Qalet li kient tghodd il-flus quddiem l-anzjani izda la-kkzuata qaltilha biex ma tghamilx hekk quddiem l-anzjani u waqfet u dan kien fis-ena 2002. Qaletl iqabel ma dahle tl-akkzuata kienu jghazlu anzjana biex tiffirma ir-rendikont dwar il-flejjes tat- Tombla. Qalet li it Tombla kienet ittellagha ma Patricia Owen

**Christian Borg** xehed in rappresentanza tal-ETC u giet mitluba tesebixxi l-employment history tal-akkuzata Philippa Borg u din giet markata bhal dok CB!.

Ikkonfermat li fis-17 ta' Diembru, 2008 u fis-snin ta' qabel l-akkuzata kienet tahdem mal-Ministeru tas-Social Policy u wara marret tahdem fic-Centru Hidma Socjali.

**Anthony Zammit** xehed li kien jahdem mal MPO izda dakinhar tax-xhieda tieghu u cioe fis-16 ta' Novembru, 2011 kien jahdem mall-PAHRO li jfisser Public Adminstiration HR Office fl-ufficcju tal-Prim Ministru. Ikkonferma li l-akkuzata kienet Social Assistant mit-22 ta' Novembru 2010 u qabel kienet tokkupa l-kariga ta' Casual f'San Vincenz u cioe mit-18 ta' April, 1991 Kienet *part time* dan dejjem mad dipartiment tal-elderly mill-1 ta' Jannar, 1993. Kienet Social Assitant f' Novembru 2010. Mit-18 ta' April, 1991 sal-21 ta' Novembru 2010 kienet *on a casual jew part time basis* mal- SVPR Huwa esbixxa dokumenti biex jikkonfermaw dak mistqarr minnu li gew markati bhala dok AZ1 u AZ2.

**Charlene Calleja** xehdet nhar is-16 ta' Novembru, 2011 u kkonfermat li tmur l-iskola MCAST u fil-fatt din hija r-raba' sena taghha fejn qed issegwi kors ta' B Tech National Diploma Care. Qalet li hija kienet giet mitkelma nhar l-20 ta' Dicembru, 2008 dwar is-serq li kienet ghamlet Philippa Borg l-akkuzata waqt il-placement li kienet ghamlet Qalet li kienet qeda foundation l-iskola u kienu baghtuha taghmel placement biex tidra ix-xoghol fid-day centre ta' Had Dingli. Qalet li meta kienet hemm il-care workers kienu qalulha li din Philippa tisraq u ghalhekk qadet attenta u tinnota izda ma tantx kienet tati kaz ghaliex iktar kienet interessata fl-anzjani. Qalet li marret hemm xi 3 jew 4 darbiet. Qalet li waqt il-loghob tat-Tombla l-akkuzata biss kienet tigbor l-flus tat-Tombla f'qoffa. Tghid i hi biss kienet tiehu hsieb il-gbir tal-flus. Il-biljetti kienet tbieghhom bi prezz u wara tiddikajra inqas meta kienet tghaqqad kollox. Mistoqsija kif waslet ghal dan tghid li kienet tghodd kemm hadu biljetti l-anzjani, tghodd kemm kienu jiswew u ssib li kien ikun hemm flus neqsin. Qalet li kienet tarha tikteb u tpoggi l-karta fil-qoffa. Mistoqsija kemm kienu jkun hemm anzjani tghid li insiet ghaliex kellha hafna placements izda zgur li kien ikun hemm 20 jew 25 Kul dabra kienet tinnota diskrepanza ta' xi ghaxar euro bejn dak li tbiegh u dak li tiddikjara. Qalet li hija infatt kienet qalet liz-zewg lecturers taghha u cioe lil Josephine Pace Caruana u Angelica Ciantar meta kienu imorru jarawha. Mistoqsija jekk qatt tkelmet mal-akkuzata dwar dan qalet li le.

Mistoqsija fejn kienet tahdem ommha tghid li ukoll ghamlet zmien tahdem fic-centru pero zmien qabel u mistoqsija jekk tkelmitx ma ommha dwar dak li kien ghaddej qalet li le. Gharfitha biss b'dak li kien qed jigri meta irceviet it-tahrika. Mistoqsija min kien jiffirmaha ir-rendikont tat-Tombla apparti l-akkuzata tghid li sa fejn taf hi, hi biss.

Qalet li waqt il-loghob tat-Tombla kienet iddur mal-anzjani u taf li l-qoffa kienet tkun fuq il-mejda u kienet tmur hdejha. Qalet li kienet tkun taf kemm jinbieghu biljetti kbar u zghar u kien ghalhekk li setghet tinnota dak li kien ghaddej. Fil-winnings ma kienitx tindahal.

**WPC 279 Shirley Calleja** tghid li kienet prezenti waqt li ittihdet l-istqarrija tal-akkuzata i gharfet fl-Awla, liema stqarrija hija markata bhala dok AG1 esebita fl-atti a fol. 29 u 30 u kkonfermat li qabel ma ittihdet l-istqarrija din inghatat it-twissija skond il-ligi.

**Dorothy Meli** kkonfermat li dak in-nhar li xehdet kienet gja irtirata izda f'Dicembru 2008 kienet tahdem gewwa l-MCAST fl-insitute ta' Communtiy Services u taf li kellhom studenta li jisimha Charlene. Qalet li kienet taf li kienet studenta tal-kors tal-Care u kienet tmur placements ma l-anzjani. Qalet li kienet taf li din l-istudenta kienet irraportat kaz ta' mal practice liz- zewg ghalliema taghha ucioe lil Angelica Ciantar u Josephine Pace Caruana u wara kienet anke avvicinat lilha u hija cemplet lid- Direttur tal-Home Dr Xuereb u rraportatilha l-kaz. Mistoqsija x'tip ta' mal practice rraportat tghid li ma tiftakarx u ma kellhiex records f'idejha.

**Josephine Pace Caruana** xehdet nhar is-7 ta' Marzu, 2012 u kkonfermat li hija tahdem bhala lecturer tas-social care mal-MCAST. Tghid li f'Dicembru 2008 kienet gja taghmel dan ix-xoghol. Tghid li l-istudenta taghha Charlene Calleja kienet qed taghmel placement fic-Centru ta' l-anzjani Had-Dingli u kien imorru jaraw kif tkun sejra fuq ix-xoghol. Tghid li ma kienux imorru fil-gimgha pero kienu izommu kuntatt maghha biex tirraporta dak li ikun ghaddej. Qalet li din kienet tirraporta li kien ikun hemm mal- practice per esempju li ikun hemm ikel li jkun skada u jinghata xorta lill-anzjani. Qaltilha ukoll il-care workers kienu jilmentaw fuq problemi ta' flus waqt il-loghob tat-Tombla. Tghid li hija kul ma ghamlet kien li ghaddiet ir-rapport lid-direttur Dorothy Meli. Appena ghaddew dan ir-rapport hassew li l-istudenta ma ghandhiex tibqa'

hemmhekk u mexxewha f'Dicembru jew Jannar. Qalet li din irraportat diversi drabi dwar dak li kien ghaddej. Qalet li l-istudenta qalet dan id-diskors anke lil Angelica Ciantar ghaliex kienu ikunu flimkien.

**Angelica Ciantar** lecturer f' MCAST xehdet u kkonfermat dak kollu li xehdet ix-xhud precedenti Josephine Pace Caruana li huma ma dahlux fil-materja u ghaddew ir-rapport lid-Direttur Dorothy Meli.

**Jean Pierre Debono** xehed u kkonferma li l-akkuzata hija Membru tal-Partit Nazzjonalista pero ma setax jghid kemm kienet ilha membru.

**Dr Stefan Zrinzo Azzopardi** xehed u mistoqsi jekk Therese Calleja kienitx membru tal-Partit Laburista jghid li mill-verifiki li ghamel irrizultalu li kien hemm xi snin meta kienet halset il-membership. Pero ma kellu l-karta ta' identita taghha u ma setax jghid ghal liema snin

l-akkuzata **Philippa Borg** xehdet minn rajha u b'mod volontarju nhar il-15 ta' April 2015 u tghid li hija mara mizzewga b'erbat itfal u li dakinhar li xehdet kellha 64 sena. Qalet li dak iz-zmien kient ghada tahdem tmur taqra lill-anzjani fid-dar ta' St Vincent de Paula u dan fuq part time basis. Qalet li ghamlet tnax-il sena tahdem fid-Day Centre ta' Had Dingli. L-ewwel bdiet bhala helper u wara kienet saret officer in charge. Spiccat minn dan ix-xoghol ghaliex hadet il-pensjoni. Tghid li qatt ma giet sospiza mix-xoghol.

Mistoqsija jekk il-Gvern kienx itihom flus biex jiggestixxu id-Day Centre tghid li le u jistru dak li kien hemm bzonn bl-ntrojtu li jaqlghu . Kellom il-membership fee, tithallas darba fix-xahar skond kemm jattendu l-anzjani u kienu jilghabu it-Tombla. Kienu ihalsu lira Maltija jekk imorru darba fil-gimgha u zewg liri jekk imorru darbtejn jew tlett darbiet fil-gimgha. Qalet li kienu ipoggu l-flus go kaxxa l-office izda meta kienu jilghabu t-Tombla kienu ipoggu din il-kaxxa fuq il-mejda hdejn il-microphone. Qalet li meta kien ikollha somma sostanzjali kienet tmur tpoggihom il-bank of Valetta ir Rabat u thalli bilanc ta' xi mija u hamsin lira Maltin. Hija esebit dok markat Fb1 li jindika l-kont li kellu d-Day Centre. Kienu xi kultant jghamlu xi raffle. Mistoqsija f'hiex kienu jonfqu l-flus tghid li gili taghmel xirja ghand il-grocer tixtri hobz, perzut, butir, halib u gobon slice ghall-anzjani. Anke kien hemm granet meta kient tixtri biskuttini

u cup ckes Qalet nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgha kien ikun hemm xi tletin waqt li nhar ta' Gimgha kien ikun hemm iktar nies xi 35 jew 40 mhux dejjem l-istess. Qalet li hija kienet tghix Haz-Zebbug u maghha kienet itellgha hafna anzjani. Qalet li kienet tmur tigbor anzjani mill-Landrijiet ghax kienet issuq u l-van ma kienx jasal kullimkien. Qaletl li maghha jahdmu kien hem Jostte Cutajaru Patricia Owen. Qalet pero li l-affarijeti tat-tindif kien ithomlha l-Gvern izda meta ma kienx iservihom kienet tuza l-flus likient tigbor mil-loghob jew mil-membership.. Lil tal van kien ihalsu l-kunsill lokali. Xoghlha kien li toqghod fl-office torganuzza l-outings u tghmel il-programm tal-gimgha u tordna. Kienet torganizza zewg outings fix-xahar . Qaletli kient torganizza il-programm fix-xahar kif indikat fid-dokument FB2 u FB3 . Dawn ir-raporti kient tghamilhom hi ghalkemm ma kienti obbligata li tghamilhom

Qalet li Tombla kienu jilghabu siegha kul meta jiftah ic-centru. Ghaliex goc- Centru kienu jghamlu keep fit, jghidu ir ruzarju. Jkollhom xi speaker u hekk. Torganizza gita lejn Ghawdex u celebrazzjoni ficcentru meta jkun l-anniversarju . Kienet tixtri ukol rigal ghall-anzjjani f'dawn l-okkazzjonijiet skond il-fondi li jkun jkollha. Kienet tixtri xi kaxxa cukulatini ghal min imur jghamel xi talk Pero kienet thallas lil qassis li kien imur jghamel quddies darba fix-xahar xi hames liri ghal kul quddies. Kienet thallas ukoll i l certu Rose Camilleri li kient tmur taghmel il craftss mal-anzjani. Lil din ma kienti thallasha pero kienet tghamlilha xi kumpliment bhala rikonoxximent u kienet thallasha mill-flus tad Day Centre tal- affarijiet li kienet tixtri biex isiru dawn il-crafts per esampju doilers, pupi u kalzetti.

Mistoqsija ghaliex meta spiccat hi mid-Day Centre zdied l-introjtu tghid li naqsu l-attivitajiet per esampeju dik tal crafts ma marritx iktar u ghalhekk naqsu l-ispejjez. In oltre ma baqghux ibieghu half sheets tat tombla izda full u ghalhekk kienu idahlu iktar flus.

Qaletl i kienu ikunu tliet ali jiffirmaw id-dokumenti hija anzjana u care worker . Darba fix-xahar kienet tmur Ms Psaila u hija tghaddilha id dokumenti . Kienet idahhalhom fil-file wahda eahda u wara l-viita taghha jghalqu l-accounts Murija id-dok AG6 esebit a fol. 60 tghid li is sinjura psiala kienet tikteb very good wara li tkun ezaminat l-karti.. Qalet li l-istaff kienu jkunu very busy specjalment meta kien ikun hemm xi birthday ta' anzjana. It-Tombla kienu itellawha l istaff hi kif ukoll xi anzjana

Il-flus kient izommhom fi skutella tal Vitalife u l-flus ienu jingabru go figa u kient tpoggiha fuq il-mejda hdejn il-microphone . Tghid li kien hemm zewg skutelli waha tal membership fee u l-0ohra tal flus tat tombla u kienu ipogguhom f'xulxin.

Mistoqsija dwar l-situdenta tghid li taf li kient marret hemm f'xi tlett okkazjonijiet. Kienet tafha u kienet thobbha hafna. Pero ma ommh ali kient tahdem hemm qabilha ma tantx kellha relazzjoni tajba ghaliex kienu jiggieldu fuq politika peress li hija kient blue waqt li ommha kienet ahmar Kienet tridha taghmel bilfors dak li tghid hi. Din kellha l-istess livel taghha ta' helper.

Mistoqsija jekk hux minnu hadet xi flus tac centru tghid li mhux minu pero meta issir referenza ghall-istqarrija rilaxxjata minnha hija tghid li kienet hadet hames liri f'okazzjoni wahda. Spjegat li kien is 17 ta' Dicembru 2018 waqt li kieent organizzat il-apry tal Milied u giet mitluba mis sinjrua psiala tirritr=orna c-caevetta tal-ufficcju minhabba rapport li kien sar fil-kofront taghha mil-istudenta. Hija inkwetat hafna u bkiet u ma riditx tghatiha ic-caveta peress li kien hemm il-flus fl-ufficcju.

Taf il-Gimgha ta' wara marret id Depot titkellem ma l-ispettur Gafa u dan zammha arrestata ghal 22 siegha mill-Gimgha sas Sibt u daqqa itellaghha u daqqa inizzilha u beda jghajjat maghha qisu feroci. Qalet li lilu qaltlu li hija ma haditx flus anzi harget ghal kura ta' l-anzjani. Bdiet tispejga li beda ighidilha li hija hatja ta' frodi u sabiex tikkopera maghhom u qallha li jekk ma tammettix li hadeet il-flus kien ser jiftah il-Qorti b'urgenza u idahhalha l-Qorti immanetjata u li kien ser icempel lil midja u jaraw lil Philippa Birg diehla l-Qorti akkuzata fuq frodi. Bdiet tibza u tirtodd u ma kelmitu xejn. U l-ispettur baqa' jitkeb dak li ried hu ghaliex tghid li mhux veru hadet flus. Izda tghid li kellha tammetti ghaliex bezghet li tispicca fuq it-television u l-media. Ghalhekk ammettiet li hadet hames euro izda ma kienx minnu. Qalet li l-ispettur kitb dak li xtaq. Hija stqaret li qatt ma dahlet l-Qorti salv ghal din il-kawza

Angela Borg xehdet in difesa u stqarret li tahdem bhala officer in charge f'St Vincent de Paula u ilha tagheml dak ix-xoghol ghal 35 sena . Mistoqisja jekk tfx lill-akkuzata tghid li tafha u dan ghaliex xi tmien snin qabel marret tahdem bhala clerk u ghalhekk ghamlet xi erbgha snin tahdem maghha u issa tafha bhala reliever. Dak iz-zmien meta kient tahdem bhala clerk ma kienx hemm computers u ghalhekk kient tikteb l-outings

li kien ser ikollhom u tghamlilhom il-qadi u tghinhom fit-treatment u fil-brakfast. Tghid li l-akkzuata dejjem ghamlet ix-xoghol li iddelegawlha u qatt ma kellha xi tghid fuqha. Qalet ukoll i l-akkzuata giki ahdmet constant watch ma xi pazjenta li ghandha id dementia . Mistoqsija jekk qatt kellhom xi complaints dwar l-akkzuata tghid li ma kellhomx Mistoqsija jekk xoghlha kienx jinvolvi xi flus tghid li le xejn aparti li gili baghtitiha fir rgisstry biex tigbor xi flus ta' pzjenta li ikun f'envelope issigillat u hija tghaddih lir-relatives.

**Julie Magro,** Deputy Charge nurse f'San Vincenz xehdet nhar it 8 ta' Frar, 2017 tghid li ilha tahdem f'dak ix-xoghol ghal madwar 30 sena . Mistoqsija jekk tafx lill-akkzuata tghid li tafha ghaliex ghamelt xi zmien tahdem maghhom . Tghid li kient tahdem bhala carer mal-anzjanitlibbishom, ittihom il-breakfast, tahsilhom u ittihom dak li ghandhom bzonn. Qalet li l-akkuzata kienet tinzel ghall-livel tal-anzjani u tohodhom bil-hlewwa u qatt ma kellhom complaints dwarha. Qabel ghamlet xi snin tahdem bhala clerk tirrispondi it-telephone, taghmel listi , appuntamenti l-isptar u taghmel xi qadi kienet taghmel l-affarijiet ta' skrivana fl-ambitu ta' sptar. Mistoqsija jekk kientix tigi f'kuntatt ma flus tghid li le.

**Dr Godfrey Farrugia** jghid li jaf lill-akkuzata u l-familja taghha bhala pazjenti tieghu u ilu t-tabib kuranti taghhom ghal dawn l-ahhar hmistax il-sena. Jiddiskrivi lill-akkuzata bhala persuna biezla izda li din il-kawza kienet qed tippreokkupa hafna tant li anke kien baghatha ghand psikjatra ghax kienet imdejqa hafna. Qal li ma kellhiex mard psikotiku izda kellha hafna stress u ghalhekk xtaq opinjoni ta' espert fil-qasam. Qal li hija dejjem qaltlu li ma kienitx hatja u huwa jafha bhala persuna ta' integrita.

**Mary Zahra** xehdet li taf lill-akkzuata mid-Day Care centre fejn kienet tmur ommha gewwa Had Dingli. Tghid li ommha kienet tmur bil-mini bus jew inkella kienet tigborha l-akkuzata u terga iggibha lura. Dan tafu ghaliex kienet tkun id-dar meta ommha kienet tmur id-Day centre hija kienet toqghod man-nanna biex ommha tkun tista tistrieh ftit. Spjegat li ommha ghandha disabilita u imn Alla kienet tmur ghaliha l-akkuzata biex tiehu break u fil-fatt kienet tistenniha. Taf li ommha kienet tilghab it-Tonbla hemm. Mistoqsija jekk meta marret ghal ommha id Day Centre qattx rat xi haga hazina li ghorkitilha ghajnejha tghid li lanqas xejn. Mistoqsija jekk ommha qatt qaltilha xi haga fuq l-ikel tac-centru tghid li gili qaltilha li mhiex ser tiekol ghax tkun

kilet bizzejjed mic-centru. Ommha illum tinsab fl Imtarfa Home f'wheelcharir u bdiet tinsa ukoll.

**Emanuela Lapira** tghid li taf lill-akkzuat id- Day Centre ta' Had-Dingli u ilha tafha xi 16 jew 17il-sena ilu. Tghid li ommha kienet ghamlet xi sena jew sentejn tmur id-Day Centre. Tghid li l-akkuzata kienet tmur tghinha iddahhal lil ommha fic-centru ghaliex kient f'wheelchair u dan kien isehh xi darbtejn jew tlieta fil-gimgha. Mistqosija jekk qattx talbitha xi haga ghal dan is-servizz tghid li le qatt. Ommha kienet tghidilha b'referenza ghall-akkuzata li imna Alla kienet tkun hi li tmur tghinha.

**Carmen Fenech** tghid li ghamlet hdax jew tnax-il sena tiehu hsieb id Day centre ta' Bormla u tmexxi ic-centru matul il-jum . Lill-akkuzata tafha tramite ix-xoghol taghha ghaliex kien ikollhom kuntatt bejniethom . Tghid li kul meta kienu jghamlu xi parties fic-centri kienu jistiednu l-officer in charge u ghalhekk l-akkuzata kienet tmur Bormla waqt li hija kienet tmur Had-Dingli. Tghid ukoll li kien ilkollhom meetings ghall officers incharge u ghalhekk kienet tiltaqa' maghha. Qalet li kienet izzomm il-kotba tac-centru bhalha u f'dawn il-meetings kienu jiddiskutu l-andament tac-centru. Mistoqsija jekk l-akkuzata qatt giet imcanfra jew korretta f'xoghlha tghid li dwar dan ma tafx li qatt kellha xi canfira.

Mistoqsija jekk tafx lil Bernardette Psiala twiegeb li tafha bhala il Head tac- centri u li ghalhekk tafha. Qalet li kienet tkmur ic-centru taghha darba fix-xahar u tavzaha qabel ma tkun sejra u dan biex tivverifika l-kotba li kienu jzommu. Kienet tghodd il-flus tal-kaxxa u ticcekja kollox. Qalet li apparti f'dawn il-viziti kienet tmur meta kien ikollhom xi party ta' 'xi gheluq mitt sena ta' anzjana jew xi christmas party. Tghid li meta is - sinjura Psaila ridet tbidddel xi haga kienet icemplilha jew tmur tkellimha u tispjegalha dak li trid. Hija qatt ma kellha problemi jew querries u qatt ma bagthet ghaliha.

**Emma De lucca** tghid li kienet ghada kemm irtirat u qabel kienet tahdem bhala social worker ghal xi 30 sena fid-dipartiment tal-anzjani. Qalet li kellha involviment fid-day care centres ghalkemm mhux ufficcjali. Bhala rutina id-day care officers in charge kienu icemplulha meta ikollhom xi problemi u hija kienet tmur tara kif ser issolvihom u dan kemm jekk kien hemm problema dwar l-anzjani anke jekk kienu jinvolvu l-istaff. Mistoqsija jekk tafx lill-akkuzata tghid li tafha u dan ghaliex meta kienet torganizza il-

laqghat ghall- officers in charge l-akkuzata kienet wahda minn dawk li kienet iktar tmur milli le. Hija tafha meta ma kienitx tahdem fid-day care centre. Pero meta imbaghad bdiet tahdem gewwa day care centre kellha head differenti li ukoll kienet tlaqqahhom darba fix-xahar Tghid li hija kienet iddur id-day care centres anke dik ta' Had-Dingli u dan sabiex izzomm kuntatt maghhom u b'hekk ikollhom point of reference. Qalet li kienu jilqawha hafna u l-akkuzata kienet tinzel ghall-livel tal-anzjani L-anzjani qatt ma qalulha xejn kontra l-akkuzata. Tghid li minn dak li setghet tara l-akkuzata kienet tkun organizzata hafna u kienet tghid lil helpers dak li kellhom x'jghamlu. Kemm l-akkuzata kif ukoll l-istaff kienu ikunu bi tbissima.

Mistoqsija jekk tafx lil Bernardette Psaila tghid li tafha u tafha tahdem fil-qasam tas-salaries fid-dipartiment u wara taf li lahqet Head of Day Care centres u l-ufficcju taghha kien ma genb taghha, partition kien hemm bejniethom. Taf li darba minnhom irraportatha lid-Direttur ghax kellha radio mixghul u qalet li kien qed itellifha. Qalet li sa fejn taf hi din Ms Psaila kellha tiehu hsieb il-monitoring tac-Centri u darba fix-xahar kienet taghmel visita fic-centru partikolari ghal dan il-ghan. Mistoqsija jekk qatt semghetx xi haga kontra l-akkuzata tghid li le pero tghid li hija ma kienitx involuta fid Day Care centres.Taf li l-akkuzata spiccat tahdem San Vincenz de Paule

Ikkunsidrat

Illi minn esami tax-xhieda fuq esposta jirrizulta li dan il-kaz jittratta dwar rapport li sar minn studenta tal-MCAST certu Charlene Calleja li rraportat li l-akkuzata kienet iddikjarat ammont inqas ta' flus minn dak effettivament ricevut mill-biegh tat-Tombla. Skond ix-xhud u kif rapportat fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti id-diskrepanza kienet ta' xi ghaxar euro f'kul okkazzjoni. Stante li kien hemm tlett okkazzjonijiet l-ammont *in ballo* huwa ta' tlettin euro (€30). Illi din l-istudenta kienet ghamlet rapport lill-lecturers taghha u cioe lil **Angelica Ciantar u** Josephine Pace Caruana li min naha taghhom ghaddew dan ir-rapport lil superjuri taghhom u cioe lil Doroty Meli Direttur fl'MCAST li imbaghad ghaddiet ir-rapport lil Dr Stephanie Xuereb, Direttur fid-Dipartiment tal-Anzjani u kura fil-komunita. Kienet Dr Stephanie Xuereb li ghamlet ir-rapport lil-pulizija. In segwitu l-akkuzata giet arrestata u sussegwentement irmesqa l-Qorti akkuzata bl-akkuzi odjerni.Jinghad li l-proseskuzzjoni ma rsqet lill-ebda xhud okulari li seta ra lill-akkzuata izzomm dawn l-allegati flejjes u lanqas l-isttudenta li

ghamlet ir-rapport ma tghid li in effetti rat lill-akkuzata izzomm xi flejjes tghid li *"u meta kont hemm* (b'referenza ghac-centru ta' Had Dingli) *il-care workerss ienu qaluli li kienet (b'referenza ghall-akkuzata)tisraq u hekk u imbaghad tipo kont noqghod ninnota ftit imma ma tantx kont naghti kaz ghax jien iktar kien jinteressani mil-anzjani u hekk."*

Jigi rilevat kif tajjeb osservat id-difiza fir-rikors tal-appell taghha li l-akkzuata m'ghandha tipprova xejn u hija biess il-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha u dan sa livell 'l hin minn kul dubbju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appel ( sede Superjuri) fl-ismijiet **Republika ta' Malta vs Elen sive Lino Bezzina[21]** fejn gie ritenut li:

> *"Illi l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat 'beyond reasonable doubt,' kif gie deciz fil-kawza "**Pulizija vs Bugeja**", tas-26 ta' Marzu, 1987. Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita`, jigifieri jekk huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakkuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le.*
>
> *Illi dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre` kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragonevoli, il-prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.*

[21] DEcisa nhar il-24 ta' April 2003

*Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "Pulizija vs Peter Ebejer" deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997 qalet illi:-*

"Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz "Miller v. Minister of Pensions" [1974] 2 All E.R. 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt";

"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice" (373-374).

Illi l-avukat difensur fir-rikors tal-appell taghha stqarret li jekk ikun hemm dubju dan ghandu jmur favur l-akkuzata u ccitat.

Illi minn esami ta' l-ewwel sentenza jidhger li l-ewwel Qorti strahet biss fuq dak li xehdet Charlene Calleja li ghamlet zmien qasir tahdem fic-Centru bhala replacement waqt l-istudji taghha gewwa l-MCAST u filf-att tiddiskrivi x-xhieda taghha bhala *sponataneja* u *onesta*. Tghid ukoll l-ewwel Qorti li *'kienet konvinta lil hin minn kul dubbju*

*dettat mir-raguni li Charlene kienet qed tghid il-verita'* L-akkuzata fix-xheda taghha nnegat u cahdet b'mod kategoriku waqt li kient fil-pedana tax-xhieda li hija qatt hadet xi flejjes li ma kienux taghha u anzi resqet provi biex turi kemm kienet tghin lill-anzjani u resqet ukoll xhieda bhala character references. Ix-xhieda l-ohra li reqest l-prosekuzzjoni strahu fuq dakli qalet Charlene Calleja u ma ghamel l-ebda esercizzju independenti sabiex jivverifikaw dak mistqarr minnha. Din il-Qorti ghalhekk trid tesamina bir-reqqa ix-xhieda ta' din Charlene u minn esami ta' l-istes johorgu dawn is-segwenti sottomissjonijiet dikajrati minnha:-

1.Waqt it-Tombla kient tigbir il-flus go qofa hi biss u hadd ma kien imissha

2. Il-biljetti kienet tbieghhom bi prezz imm aimbagha tiddikjara inqas fl-ahhar meta tghaqqad kollox il-flus kienet tiddikjara inqas.

3. Misoqsija jekk kellhiex xi ktieb li tikteb fuq tghid li ma kellhiex

4. Misotqsija jek kkienitx ticcekja tghid li kient tara karta fik-qoffa izda tghid " *ma kontx immur immiss il-qoffa"*

5. Mistoqsija kif kienet taf li kienet tikteb inqas tghid li ghax kienet tghodd il-biljetti li kienu jinbieghu ghax kienet iddur ma l-anzjani.

6. Mistoqsija pero kemm kien ikun hemm anzjani tghid *'li m'ghandhiex ideja insejt'.*

7. Issikata biex tghid kemm kienikun hemm nies tghid *'bejn wiehed u iehor 20 jew 25 xi haga hekk'.*

8. Qaletl i marret xi tlett darbiet u kul darba li marret msitoqsija kemm innotat diskrepanza tghid " xi 10 euro xi haga hekk"

9. Tghid li dwar dan qalet liz-zeg lecturers taghha Josephine Pace Caruana u Angelica Caruana.

10. Mistoqasija jkk kientix izzomm rendikont tar-rebh u telf tat-Tombla biex tkun tista tara id-diskrepanza tghid " *le ghax kienu ikunu differenti, skond kemm kienu jilghabu tombla u kemm ikun hemm anzjani hadu biljetti."*

11. Tghid *"li kienet tara jekk hux biljetti kbar jew zghar, taf il-prezz taghhom u imbaghad ticcekja Philippa Borg ir rendikont li tkun ghamlet"*

*12.* Pero dwar kemm kien ir-rebh tghid *"li ma tafx kemm kienu jithalsu"*

Meta xeehdet Josephine Pace Caruana l-lecturer ta' Charlene din tghid li Charlene kienet irraportatilha li kien hemm mal ractice fic-Centru ta' Had Dingli " bhal per esempju fuq l-ikel li tkun ghaddiet il best before date u jinghata xorta lill-anzjani. Tghid ukoll li Charlene kienet tghidilha li *"l care workers kienu jilmentaw hafna li gieli kien hemm xi priblemi ta' flus pero ahna ma dhalniex fiha as such. Ghaddew ir-rapport lid Direttur..Dorothy Meli".* Angelica Ciantar l-lecturer l-ohra tghid li Charlene kient ilmetnat maghha dwar mal practice li kien fic-Centru u cioe dwar 2 kazijiet fejn gili kien hemm ikel bl-exiry date li kien skadutttt li kien qed jintuza xorta" Mistoqsija b'mod specifiku jekk kienx hemm xi kwistjoni bi flus twiegeb " *Ma nafx ezatt kientix Tombla to be fair ghax ma dhalniex fiha ahnameta kien hemm "* Bhal Pace Caruana tghid li kienet infurmat lid-Direttur dwar dan . Minn hawn jirrizulta ghalhekk li dak li alet Charlene u cioe li hija tkelmet mal-ecturers tagha dwar dawn in-nuqqasijiet ta' flejjes mhux minnu ghaliex iz-zewg lectureers jghidu li tkelmu maghha principalment dwar mal practice fuq ikel skadut u ma dahlux fil-kwisjtoni tad-diskrepanzi tal-flus.

Dorothy Meli li allegatament irceviet ir-rapport minghand iz-zewg lecturers Josephine Pace Caruana u Angelica Ciantar skond ma qalu huma tghid li kienu avvicinawha fuq kwistjoni ta' mal practice . Tghid ukoll kuntrarjament ghal dak li qalet Charlene Calleja li din kemitha u ghamlet rapport maghha ukoll pero dwar mal practie u tghid li " minghalija affarijiet ta' perzut". Mistoqsija jekk issemmewx xi affarijiet ohra ta' malpraactice tghid id *'records f'idejha mghandhiex'* Tghid pero li kienet ghamlet rapport mad-Direttur tal Home u cioe ma Dr Stephanie Xuereb.

Dr Stephanie Xuereb min naha taghha tghati versjoni differenti minn dak li qalet Dorothy Meli u dan ghaliex tghid li hija irceviet email f'Dicembru 2008 minghad Dorothy Meli fejn giet mgharfa minghandha li kien hemm studenta tal MCAST assigned mad-Day Centre fejn rat ximal practices u wahda mill-affarijiet li stqarret kien jikkoncerna *"l-flus tat Tombla li ma kienux recorded sew"*. Imkien ma tghid dwar flus li kienet tiehu l-akkuzata. Hija ghalhekk ghajtet lil Bernardette Psaila biex tara jekk

kellhomx xi rapporti ohra . Ghajtet ukoll lill-akkuzata li nnegat kollox li kien itnqal lilha minnha. Mistoqsija x'qaltilha tghid li staqsietha jekk kienx minnu *"li kienu jqasmu ikel li kien ikun kwazi skadut u ggieghel lil helpers ituhom lin-nies biex ma tmurx tixtri"* Dan cahditu. Tghid ukol *" lli l-flus li kienu qed jingabru mil-loghob tat Tombla m akienux qed jigu recorded sew u li r-rebh li jinghata mat-Tombla ma kienx jirrifletti l-ammont ta' flus li kienu jingabru."* Illi dwar dan pero ma setghetx saret tafu minghadn Charlene Calleja ghax din qalet li dwar ir-rebh ma kienet taf xejn. Din Dr Xuereb tghid li gja kellha xi rapport verballi minghadn xi anzjana f'dan ir-rigward pero minkient din l-anzjana ma nafx u lanqas ma ingibet biex tixhed. Tghid li dan ir-rapport verbali li sar minn injot gie konfermat mill-istudenta. Pero biex tghid hekk l-ewwel trid tressaq lil minghamel dan l-alelgat rapport imbaghad tistaqsi lil Charlene dwaru u tara jekk tikkonfermahx qabel ma tasal ghall-konkluzoni u thgi dli dan ir-rapport verbali li kienu ircevew mignahdn anzjana gie kofnermat minn Charlene.

Dr Xuereb tghid ukoll li meta telqet L-akkzuata id-dhul zdied. Pero ma tghidx kjekk kellhomx l-sitess spejjes li kien hemm meta l-akkzuta kient tahdem hemm. Jekk kienx ikun hemm l-sitess entertainment, jekk kienux igibulhom speakers u jghatuhom rigal mill-fondi migbrua mic-centru , jekk is-sinjura Camilleri tal craftss kienitx ghadha tmur, jekk il-gita ghal Ghawdex kientix ghada issir, jekk il-aprties ta' gheluq il mitt sena tal-anzjana jew fil Milied ienux ghadhom isiru. Biex ix-xhud tghid li kien hemm zieda fid-dhul tal-flejjes tac-centru trid l-ewwel tghid li kellhom l-istess spiza. Tghid ukoll li kie nhemm zieda fil-flus tat Tombla pero ma tesebixxi l-ebda dokumetn biex taghmel esami komparattiv ta' dan l-alegat zieda.

Din il-Qorti ma thossx li ghandah ghalfejn tidhol fid-difiza imresqa mill-akkzuata u cioe li omm ix-xhud kellha xi tghid mal-akkzuata u dan ghaliex fif-dawl tal-provi prodotti ma jirrizultax sal livell rikejst mill-ligi u cioe lil hinn minn kul dubju dettat mir-raguni li l-akkuuta fil-fatt misapropprijat xi flus u iktar u iktar li hadet is-somma ta' tlttin euro molto piu meta tqis li l-istes pesuina li ghamlet ir-rapport tghid li "hadet xi tletin euro ( €30)' L-ammont ma jigix stabilit bil-kelma 'xi' izda irid ikun hemm prova konkreta li in effetti l-akkuzata filf-att baret flus li ma kienx taghha izda tac centru u uzathom ghall skop divers minn dak destinat. Kif tista din il-Qorti issib htija f'din l-akkuza ta' misapproprijazzjoni meta l-Qorti staqsiet lil Charlene jekk haditx in

koderazzjoni ir-rebh li kien ikun hemm biex wasalt ghal xi diskrepanza tghid li ma ma haditxkonsiderazzjoni tar rebh li irid jingahta lura lill anzjan vincitur u ghalhekk bilfors ikun hemm riduzzjoni fid-dhul. Ghalhekk il-kalkoli li ghamlet hi qatt ma setghu ikunu tajbin. Oltre dan meta msitoqsija jekk kienitx tara l-ammonti imnizla mill-akkuzata tghid li kienu jkunu fuq karta. Mistoqsija jekk kienitx tara l-karta tghid *" kont narha fil-qoffa din il-karta ghax jiena ma kontx immur imiss il-qoffa"* . Allura isegwi kif kienet taf kemm kient tiddikajra l-akkzuata jekk hdejn il-qoffa ma kienitx tersaq. Jinghad ukoll li Charlene fix-xhieda taghha ma tghamel l-ebda referenza ghax-sheets li kienet timla skond il-careworkers Patricia Owen u Josette Cutajar. Waqt li Josette Cutajar u Patricia Owen meta xehdu ma jghidu xejn dwar din il-karta li Calleja tghid li l-akkzuata kient izomm fil-qoffa. Charlene tghid li l-akkzuata kient tikteb l-ammonti fuq is-sheeets tat- Tombla biss meta fil-fatt jirrizulta li mhux hekk kienet il-procedura jekk l-qorti kellha temmen il-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-care workers. In oltre Charlene Calleja tghid li din il-karta kient tiffirmaha l-akkzuata biss waqt li mid-dokumenti esebiti l-Qorit jidher li hemm firma ta' terzi persuni fuqhom. Jirrizulta ukoll li minn dawn il-flejjes li jingabru mit-Tobla l careworkers kienu imorru jghamlu ix-0xirja froceries ghall-anzjai stess. Meta Patriia Owen giet Mistoqsija kif kient thalls ghax xirja tghid li l-ewwel kient tmur tixtrimignahdn il-grocer u wara taghti r-ricevuta lill-akkzuata din tpoggilha l-flus f'envelope maghluq u imbagahd terga tmur bihom ghadn il grocer. Dwra dan it-tnaqqis ta' flejjes migbura biex jithalsu l-groeries Chrlene ma tghid xejn lanqas. Josette Cutajar tghid fix-xhieda taghha li l-anzjani kienu jiffirmaw l-akrta fejn kien jigi registrat id-dhul tal-flejjes ghalkemm Patricia Owen ma tikkofnermax dan . Din Cutajar tghid li ma kienux jghoddu l-flus quddieml-anzjani pero xorta kienu jiffirmaw il-karta li ituhom. Dan hu kontradet minn Charlene fix-xhieda taghha ghaliex meta mistoqsija mill-Avukat difensur minn kien jiffirma fuq il-karti tghid *" hi biss sa fejn naf jien"*. Mistoqsija b'mod specifiku jekk l-anzjani kienux jiffirmaw ukoll tghid *" le. Ma nahsibx ghall inqas"*. Ghalhekk ghal darb ohra jidher li x-xhieda taghha hija kontradetta u mdajfa b'dak li qalu l-careworkers. Il-Qorti ezaminat ir-rendikont year 2007 u 2008 esebit fl-atti u markat bhala dok AG6 uminn esami ta' l-istess jirrizulta li fl-ewel lok li hemm rendikont dwar dak li kien johrog u dak li kien jidhol. Jirizulta li dawn ir-endikonti huma iffirmati mhux biss mill-akkuzata izda ukoll minn Patricaia Owen, Josette Cutajar u terzi persuni mhux mgharufa u li dawn kienu

gew riveduti minn Bernarette Psaila. Ghalhekk ma hux minnu li kien ikun hemm karta wahda biss fil-qoffa iffirmata mill-akkzuata biss izda kien ikun hemm ukoll ir-rendikont iffirmat minn persuni ohra kif del resto qalu huma stesskutnrarjament ghal dak li qalet Charlene Cutajar

Jigi rilevat li l-akkzuata ma iddenjatx tghid lil lecturers taghha dwar dak li allegatament irriskontrat fuq l-akkzuata waqt xi zjarat minn taghhom fejn allura huma setghu jkunu hemm u jaraw b'ghajnejhom jekk dak li allegat Charlene kienx minnu jew le izda stenniet l-okkazjoni li tirraporta dan wara it-tluq taghhom. Jingahd ukoll jek evrament innotat dan in-nuqqas min naha tal-akkzuata ma setghetx ttira l-atttensjoni tal-careworkers ak il-hin u jiehdu rendikont f'waqtu u bhekk kienu jikkonfemraw jekk verament kienx hemm nuqqas u jekk kien hemm kemm kien l-ammont.

Jinghad li l-akkuza tirrisali ghas 17 ta' Dicembru 2008 u fix-xhur u snin ta' qabel pero minn dak li semghet il-Qorti hadd mix-xhieda ma xehed b'referenza ghal xi zmien partikolari izda ilkoll xhedu b'manjera leggera bla ma poggew il-fati fi kwadru ta' time frame.

Ghalhekk gja hem diskrepanza bejn dak li qalet Charlene fejn tghid li kienet irrportat lilil-lecturer rat li kien hemm diskrepanza bejn il-flus li l-akkzuata gabret u dak li iddikajrat. Jista jkun li kien hemm xi nuqqasijiet amministrattivi dwar kif in effetti jingabru l-flus mil-loghob tat Tombla u kif jinzammu l-kotba pero zgur li dan in-nuqqas ma jammontax ghar-reati kriminali moghtija fil-konfront tal-akkuzata. Molto piu meta tqis li dawn l-accoutns kif redatti gew approvati mid-Direttur ta' l-akkuzata

Din il-Qorti kuntrarjament ghall-ewwel Qorti ma hiex sodisfatta sal-grad li trid il-ligi u cioe il hin minn kul dubbju dettat mir-raguni li l-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova l-akkuzi taghha . Jintqal li "fi kwestjoni ta' kredibilita` u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk

dik l-ispjegazzjoni hijiex possibbli u minn lewn id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati talhajja" – **Joseph Borg et -vs- Joseph A. Bartolo**[22],

Fil-fehma tal-Qorti, ix-xhieda oghtija minn Charlene Calleja la hi versomili u lanqas plawsibbli b' mod li tinduci fil-Qorti dik "ic-certezza morali" li tippreciza d-decizjoni.

Una volta li l-Qorti ma tistax toqghod b' affidament fuq ix-xhieda moghtija mill-kwerealnti, il-konsegwenza logika hi dik li ma tqisx l-allegazzjoni taghha bhala veritjera. Is-sejbien u dikjarazzjoni ta' htija ta' l-appellant mill-ewwel Qorti in bazi tax-xhud tal-prosekuzzjoni Charlene Calleja hija konkluzzjoni "unsafe and unsatisfactory", bhal ma gie ritenut fl-Appell Kriminali 52/1997 fl-ismijiet "**Il-Pulizija –vs- Michael John Turner**[23]". Hawnhekk, din il-Qorti qed tirriproduci dak li hi semmiet fl-appell indikat fejn ikkwotat dak li qal **Lord Chief Justice Widgery** in **R. v. Cooper** [24],:

> *"An appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (fil-kaz odjern dan japplika ukoll ghad-decizjoni tal-Magistrat) because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case, including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings, leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*

Dan il-principju gie applikat ukoll minn din il-Qorti diversi drabi. Mill-apprezzamernt tal-provi li hemm traskritti fl-atti, din il-Qorti tara li l-evidenza mressqa mill-prosekuzzjoni hija wahda debboli hafna, specjalment tenut kont li x-xhieda ta' Charlene Calleja mhiex kredibbli w affidabbli, u li x-xhieda imresqa mill-prosekuzzjoni ma jikkolobroawx dak li qalet l-istess Charlene Calleja. Jista' jghati l-kaz li hemm suspetti jew possibilitajiet li l-appellant ghamlet dak li allegatament ghamlet. Izda, kif hu ben saput, il-Qorti qatt ma tistax issib htija f'xi hadd meta l-provi

[22] Appell, Sede Inferjuri, 25 ta' Gunju 1980
[23] Appell, Sede Inferjuri, fis-7 ta'Jannar, 1998
[24] (1969) 1 QB 276

jistghu jwasslu biss sal-grad tal-possibbli, jew tal-probabbli, jew in bazi ta' suspetti biss. Il-provi li hemm fl-atti jwasslu biss sal-grad tas-suspett infondat jew mhux provat, jibqghu biss allegazzjonijiet kontra l-appellant mhux provati sal-grad rikjest mill-ligi, dak tal-konvinciment morali. Hu f'dan is-sens li l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li ssib htija fl-appellanti, allura imputata, in bazi ta'dawk il-provi.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, ghalhekk, filwaqt li din il-Qorti qed takkolji l-aggravji ta' l-appellanti Philippa Borg, qed tilqa' l-appell taghha dan billi tirrevoka w thassar is-sentenza appellata, tiddikjarha mhux hatja ta' l-akkuzi dedotti kontriha u tilliberaha minn kull htija w piena.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur